Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 195 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Anne Marie Xuereb

Vs

Aloisia Mifsud Grech

Illum 14 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta, Alosia Mifsud Grech, detentrici tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 303463M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Marzu, 2015, u fix-xhur ta' qabel f' dawn il-Gżejjer b' diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess diżpożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda:

1. Approprijat ruħha, billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuna/i, is-somma ta' aktar minn ħamest elef ewro (€5,000) għad-dannu ta' Mary Mifsud liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u liema somma ġiet fdata u kkonsinjata lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha jew minħabba kapaċita' neċessarju.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Gunju, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet l-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha u ikkundannatha **erba snin prigunerija**.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-hatja thallas lura lil parte leza s-somma ta' **€30,466.25 kif ukoll tad-deheb li elenku tieghu tinsab a fol.53**.

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod daqs li kieku inghatat f' kawża ċivili bejn l-imputata u l-parte leza.

Finalment fid-dawl tax-xhieda moghtija minn Joseph Mifsud, ordnat lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f' dana il-kaz jezistux lestremi legali li jsawwru, *inter alia*, ir-reati kkontemplati fl-artikolu 104 (1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fil-konfront tal-istess Joseph Mifsud.

Il-Qorti ordnat li kopja tax-xhieda tieghu kif ukoll dik ta' Joanne Bartolo moghtija f' dawn il-proceduri flimkien mas-sentenza jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex immedjatament jaghmel l-investigazzjonijiet hekk kif ordnat.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alosia Mifsud Grech, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-9 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanta hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha u konsegwentement **TILLIBERAHA** minn kull htija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat **illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

### A. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli fir-Rigward tas-Sejbien tal-Htija fl-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu

Illi l-appellant tirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament u interpretazzjoni hazina tal-provi migjuba quddiemha u tal-Ligi applikabbli meta sabitha hatja tal-akkuzza migjuba fil-konfront taghha u dan ghaliex fl-umli fehma tal-appellanta l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt issib htija fl-appellanta fir-rigward ta' din l-akkuza.

Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni fost l-ohrajn ressqet lill-allegata vittma tixhed u familjari taghha halli jispjegaw x' gara u d-dinamika tal-kwistjonijiet familjari.

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellanta m' hijiex tenuta li tressaq l-ebda prova sabiex tipprova l-innocenza taghha, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt* izda nonostante cio' l-imputata ghazlet illi tixhed u taghti l-verzjoni taghha tal-fatti.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b' zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita' . Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b' verzjonijiet differenti tal-

fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F' dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni ' proof beyond a reasonable doubt' :

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. ' of course it is possible but not in the least probable' , the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x' jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b' zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b' mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem

taghhom sabiex wiehed jara x' inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi jigi rilevat ukoll illi r-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il- Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal perezempju d-difiza tal-insanita' .

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal- Artikolu 40 Subinciz 5 tal- Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is- segwenti:

"*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Michele Borg et' (deciza mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

"*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d' ordine pubblico; ' the accused is presumed innocent until proved guilty.'* "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal- innocenza? Din tfisser li l-akkuzati ma jridu jipprovaw xejn dwar l- innocenza taghhom - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija taghhom. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal- imputati, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha beyond a reasonable doubt, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f' kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il- Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi f' dan il-kaz hemm kunflitt qawwi bejn il-verzjoni moghtija mill-kwerelanta u dik moghtija mill-appellanta u nonostante dan il-kunflitt l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet illi taghzel li temmen il-verzjoni tal-kwerelanta u tiskarta kompletament il-verzjoni moghtija mill-appellanta.

Illi il-kwerelanta **Maria Mifsud** spjegat kif saret taf li flusha kienu sparixxew mill-kontijiet bankarji. Kollox beda meta kien gie deciz flimkien ma whud minn uliedha biex jithallas il-passagg lejn Malta ghall-bintha Vicky li tghix l-Amerika. Ghalkemm fil-bidu kien hemm qbil bejn l-ahwa, wara 3 minnhom oggezzjonaw. Hi kienet qaltilhom li bintha kienet ser tiehu dawn il-flus bhala sehem taghha f' dak iz-zmien u huma jiehdu sehemhom wara. Kemm il-darba talbitha il-prokura lura izda l-imputata ma tatx widen u qalet ukoll li kellha d-deheb fil-bank izda meta marru l-bank id-deheb ma sabuhx. Aloisia ntalbet igib id-deheb li kien inghatalha u sar elenku tieghu liema elenku inkiteb mill-appellanta stess.

Il-kwerelanta gharrfet il-prokuri moghtija lill-imputata li gew maghmula quddiem Nutar f' Birkirkara, wahda minnhom maghmula minnha flimkien ma wliedha l-ohra. Wara li nqala l-inkwiet ma Aloisia kienet titlobha biex itihilhomlha lura izda meta l-appellant baqghet tirrijuta li taghmel dan hi tat struzzjonijiet biex l-prokuri jigu terminati.

In kontro-ezami spjegat li minn uliedha kienu biss Aloisia, Silvana u Joey li ma kienux qabblu li kellha tingieb Vicky mill-Amerika.[21] Flusha dejjem tpoggew il-bank anke fiz-zmien meta kien ghadu haj zewgha ghax il- pensjoni dejjem dahhlet il-bank. Illi inoltre l-kwerelanta tispjega illi l-appellanta kienet tghix ma ommha flimkien ma zewgha.Kienet tlahhaq ma spejjez tal-hajja peress li kellha l-ghelieqi u kienet tghix mill-kera li kienet tidhol minnhom. **L-appellanta kienet tixtri l-bzonnijiet u ghalhekk hi tatha l-bank card taghha sabiex tkun tista' tixtrilha l-bzonnijiet u affarijiet ohra bzonnjuzi.**

Illi mill-banda l-ohra l-appellanta **Aloisia Mifsud Grech ghalkemm setghet ma tixhidx stante illi hija l-Prosekuzzjoni illi trid tipprova l-kaz taghha** ghazlet li tixhed u spjegat kif sal-2015 kienet tirrisjedi flimkien ma zewgha fid-dar t' ommha. Il-fatt li l-genituri taghha hallew id-dar lilha kien urta lill-ohta Lilian. Tispjega fit-tul dak li kien sehh biex tingieb ohtha Vicky mill-Amerika. Issostni li ommha ma kienitx daqshekk entuzjasta bl-ideja u riedet tlaqqa' l-ahwa biex jiddiskutu l-pjan taghhom. Dawn ltaqaw anke fil-presenza ta' Vicky nhar il-5 ta' Jannar (2015) fejn l-omm insistiet li kif Vicky hadet €5,000 kienet ser taghti €5,000 lill-ahwa l-ohra minbarra lil Carmen u lil Georgina ghax kellhom dejn ma ommhom liema fatt gie anke konfermat minn xhieda ohra [nonostante l-fatt illi ommhom cahdet dan]

Kompliet kif l-ahwa kollha ghajr ghaliha, Silvana u Joey ma riedux flus. Illi l-appellanta imbaghad tispjega illi Martin taha lill-ommu €5,000 biex b' hekk gie hallas ghall-biljett ta' ohtu hu izda nonostante dan xorta' baqa' jinqala d-dizgwid u hutha Georgina, Carmen u Lilian bdew jghidulha li jkeccuha mid-dar peress li ma kienitx darha izda ommha qaltilha li dik kienet darha u li ma kellhiex ghalfejn titlaq ghax kienet tiehu hsiebha.

L-appellanta tkompli tispjega illi imbaghad kienet sabet lil Joey jghodd xi flus [assersazzjoni konfermata minn Joey innifsu fix-xhieda tieghu] fejn ommha qaltilha li kien qed jiccekja l-flus li gab Martin u talbitha tmur taghmilhom il-bank go *fixed account* biex hadd ma jitlobha flus. Minkejja li kellha l-prokura l-bank infurmaha li ma setghetx taghmilhom go *fixed account* minghajr ma jkun hemm prezenti ommha u ghalhekk hallithom mal-HSBC.

L-appellanta tkompli tispjega illi kien fi Frar meta ommha qaltilha iggib lura d-deheb li kellha go *safety deposit box* u tispjega li "*dejjem kien fuq ismi, qatt ma kien fuq isem ommi...kien jithallas mill-current account tieghi...Gibnih, ratu kollu, kkonfermat li kollox kien hemm, sa ktibnieh*" fejn wara regghet haditu l- bank kif qaltilha ommha. Fil-bidu ta' Marzu ommha staqsietha dwar kawza li kienet wasslet biex tinqata' fuq propjeta` fejn il-Gvern kellu jaghtihom madwar €40,000 u fejn l-omm qaltilha li bil-flus li ser jidhlu taghtihom il-€5,000 li weghdithom. Kien ghad fadal xi ricerki qabel ma jasslu l-flejjes u ghalhekk talbitha tara xi flus kien hemm minn ta missierha li kienu gew trasferiti fuq ommha "*qaltli u mur gibli dawk il-five thousand li poggejt l-HSBC qaltli ha nerga nitihom lil*

*Martin".* Meta raw li kien hemm xi €26,000, €5,000 ghal hames ahwa *"qaltli mela gibhomli, qaltli u naghtihom dawk".* Il-pjan kien li jitqassmu bejn dawk il-hamest ahwa li ma kellhomx dejn pendenti.

Tkompli tispjega li kif is-Sibt 14 ta' Marzu, 2015, gabitilha l-€5,000 mill-HSBC u fis-16 ta' Marzu, 2015, infurmat il-Bank Centrali li l-*stocks* u *l-bonds* riedu jinbieghu. Meta l-flus mill-bejgh dahhlu fil-kont u kienet fi triqitha lejn il- bank biex tigbidhom, ltaqghet ma huha Joey li mar maghha l-bank. Gabu l-flus u tawhom lill-ommha.

Illi ghalhekk l-appellant fix-xhieda tispjega illi mhuwiex minnu illi l-flus hadithom hi kif qed tallega ommha qua' kwerelanta izda kienet ommha stess li talbitha sabiex tigbidhomla halli tkun tista' tqassamhom bejn hutha kollha. Illi dan ifisser ghalhekk illi l-appellanta mxiet fuq l-istruzzjonijiet illi tatha ommha fejn gibdet l-istocks u l-bonds illi kien hemm fil-bank u dan halli jkunu jistghu jitqassmu bejn l-ahwa. Illi jigi rilevat illi din il-verzjoni tal-fatti hija sahansitra korroborata miz-zewg hutha l-ohra u cioe' Joseph Mifsud u Sylvana Pace illi lkoll jikkonfermaw illi kien hemm zewg huthom illi kellhom id-dejn u l-intenzjoni ta' ommhom kienet illi peress illi kienu hargu 5,000 ewro sabiex Vicky tkun tista' tingieb Malta hija riedet illi taghti l-istess ammont lit-tfal l-ohrajn taghha b' dawk li kellhom xi dejn kien se jinqatalghom mid-dejn taghhom.

Illi l-appellanta tirrileva illi l-prokura kienet f' isimha u ghalhekk huwa assurd illi wiehed jimmagina illi hi kienet se tirriskja illi tigbed il-flus meta fil-verita' ma kinitx awtorizzata u dan ghaliex kull azzjoni illi kienet se taghmel kien se jkun hemm isimha jidher. Dan ifisser illi hi ma setghetx tinheba jew twahhal f' haddiehor ghax kollox kien f' isimha u ghalhekk zgur illi ma kinitx se taghmel azzjoni bhal dik minghajr qabel ma kellha awtorizazzjoni bil-fomm jew bil-miktub min-naha ta' ommha. Illi jigi rilevat illi meta wiehed jaghmel prokura huwa jkun qed jerhi idu f' idejn il-persuna illi tkun qed tamministra f' dan il-kaz l-appellanta illi kienet qed tamministra kollox. Illi jirrizulta illi l-appellanta dejjem amministrat b' mod tajjeb hafna u hadet hsieb kemm ommha u kemm missierha bl-ahjar mod possibbli fi zmien meta hutha ma kienux daqsekk prezenti. Illi jigi rilevat ghalhekk illi din il-kwistjoni tat-tisrif tal-istocks u l-bonds ukoll saret wara d-debita awtorizazzjoni [bil-fomm min-naha ta' ommha] u fl-ahjar interess tal-familja kollha stante illi b' dawk il-flus l-omm kellha l-intenzjoni illi tqassamhom bejn it-tfal tagha kollha. Illi jigi rilevat illi hadd mhu se jirriskja jaghmel xi haga bhal din

meta f' kull transazzjoni hemm ismek jidher u allura kwalunkwe azzjoni zgur se tinqabad. Illi dan ifsser ghalhekk illi l-verzjoni tal-appellanta hija iktar verosimili u taghmel sens u tikkonferma illi l-bona' volonta taghha.

Illi jigi rilevat illi l-Qorti rrikostrat diversi nuqqasijiet fix-xhieda tal-appellata illi se jigu indirizzati. Fl-ewwel lok il-Qorti kkumentat rigward il-kwistjoni tad-deheb. Illi l-appellanta spjegat illi d-deheb baqa' ma inghatax ghax kellha xi oggetti illi kienet ghad trid tohodhom mid-dar ta' ommha u missierha. Illi wiehed ma jridx jinsa l-isfond ta' dawn il-proceduri fejn l-appellanta flimkien mar-ragel taghha ghal diversi snin kienu jghixu ma' omm u missier l-appellanta fejn l-appellanta kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' ommha u missierha. Fil-fatt, kien ghalhekk illi saret prokura fuq l-appellanta halli tkun tista' tiehu hsieb u tamministra kollox fejn tkun tista' tixtri l-bzonnijiet kollha ghal ommha u missierha. Illi meta inqalghet din il-kwistjoni l-appellanta sfat imkeccija u sabet is-serratura tal-bieb mibdula [vide sentenza illi giet esebita mill-appellanta stess Dok AMG a fol 336 et seq tal-process] fejn lanqas irnexxilha tiehu l-oggetti personali taghha kollha u baqghet sal-lum il-gurnata ma hadithom u dan peress illi hutha u ommha ma jriduhiex bl-ebda mod taccessa id-dar lanqas biss biex sempliciment tiehu l-oggetti personali taghha. Illi nel frattemp kienet giet mitluba d-deheb lura u hi zammet tali deheb u spjegat illi kienet se ttih lura biss meta tinghata l-oggetti personali taghha mid-dar fejn kienet tghix ghal diversi snin. Illi jigi rilevat illi hija kienet diga' gabet id-deheb fid-dar meta mitluba minn ommha ghax ommha riedet ticcekja tali deheb u sahansitra l-appellanta stess ghamlet lista tad-deheb in kwistjoni. Illi kieku fil-verita' riedet tiehu d-deheb zgur imma kinitx toqghod tikteb lista tad-deheb illi hemm izda kienet taqbad tiehu d-deheb illi fl-ahhar mill-ahhar kien fuq isimha u mhux fuq isem ommha u ghalhekk teknikament setghet taghmel bih li trid.

Illi l-appellanta kienet urtata b' din is-sitwazzjoni u fdak il-mument hasset illi l-unika mod kif setghet tiehu l-oggetti personali lura kien billi zzomm id-deheb haga li forsi mhux legalment korretta. Illi tant hu hekk u tant kemm l-appellanta dejjem irriteniet u sahqet illi d-deheb ma kienx taghha illi fil-mori tal-proceduri kriminali u qabel ma inghatat is-sentenza hija rritornat lura d-deheb lill-parte civile haga li sfortunatament ma ngabitx a konjizzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi jigi rilevat ukoll illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li ma temminx li l-allegazzjoni mill-appellanta (rripetuta minn huha Joey) li Carmen u Georgina kellhom id-dejn ma ommhom u sahqet li dan sar semplicement sabiex l-imputata (u huha Joey) jsahhu l-verzjoni taghhom li flus ingibdu bl-ezatt u cioe` biex jaghmlu tajjeb sabiex hamest ahwa jiehdu €5,000 kull wiehed. Illi jigi rilevat illi din il-kwistjoni illi zewg hutha kellhom id-dejn gie kkonfermat kemm mill-appellanta kif ukoll miz-zewgt hutha illi lkoll sahqu illi Carmen u Georgina kellhom id-dejn u kien ghalhekk illi fil-kaz taghhom ma kienx se jinghatalhom il-flus izda l-hamest elef kien se jitnaqqsilhom mid-dejn illi kellhom.

Ghalhekk jigi rilevat illi **l-verzjoni tal-appellanta hi wahda verosimi u li ghandha mis-sewwa u dan in kuntrast max-xhieda tal-omm illi hija nieqsa minn kull ombra ta' kreddibilita` u li m' ghandhiex mis-sewwa. Illi l-appellanta ghamlet minn kollox biex tiehu hsieb il-genituri taghha u dejjem imxiet u dejjem agixxiet ghal gid taghhom. Illi mhijiex sitwazzjoni ta' barra minn hawn illi jigu mumenti fejn ikun hemm xi indhil u disgwit bejn l-ahwa u l-genitur/i jispicca sfortunatament jzomm ma' wiehed u mhux mal-iehor kif fil-fatt gara. Illi fil-fatt l-appellanta tirrileva illi fil-kaz odjern hutha [apparti Joey u Sylvana] xewxwu lill-ommhom kontriha u kien ghalhekk li nqala' dan l-inkwiet u d-disgwit kollu fejn sahanistra wara dawk is-snin kollha fejn l-appellanta kienet tiehu hsieb il-genituri taghha minghajr hadd minn hutha ma jaghti l-ghajnuna tieghu illum il-gurnata spiccat imkeccija mid-dar minghajr lanqas ghadha biss hadet l-oggetti personali taghha u dan sempliciment ghax aggixiet fl-interess u fuq struzzjonijiet moghtija minn ommha.**

**Illi jigi rilevat illi l-Prosekuzzjoni naqsu milli jgibu prova x' sar minn dawn il-flus li allegatament zammet l-appellanta ghaliha. Illi naqsu milli jgibu l-kontijiet bankarji tal-appellanta biex juru jew allinqas jipprovaw juru illi forsi kien hemm xi depositi b' ammonti konsiderevoli li setghu juru u jaghtu dawl li forsi dawn il-flus l-appellanta tefatghom fil-kont taghhom. Illi lanqas il-Prosekuzzjoni ma gabet provi illi forsi b' dawn il-flus l-appellanta xtrat xi karozza f' isimha jew xi oggetti ohra illi huma ta' valur. Illi dan ifisser illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova element essenzjali f' dan ir-reat ta' misappoprazzjoni indebita u cioe' li persuna ddawwar bi profitt ghaliha haga li f' dan il-kaz hija totalment mankanti.**

L-appellanta kuntrarjament ghal dak allegat mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma kien jinhtiegilha tipprova xejn stante illi hija l-Prosekuzzjoni illi trid tipprova l-kaz taghha lil

hinn minn kull dubju dettat mir-raguni izda anzi tat ix-xhieda taghha u spjegat ic-cirkostanzi u d-dinamika tal-kaz.

Illi fil-fatt dawn il-proceduri huma bbazati fuq l-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' mod partikolari fuq ir-reat ta' misapproprjazzjoni li jghidu hekk:

*293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294. Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn."*

Illi f' dan l-istadju qed issir referenza ghal decizjonijiet nostrani dwar dan ir-reat ta' mizappropjazzjoni senjatament il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza bl-ismijiet Il-Pulizija v. George Grech deciza fit-22 ta' April 2009 li ghamlet referenza ghall-awtur Taljan Luigi Maino fejn dan spjega li:

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d' indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d' un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell' inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l' esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere*

*appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l' operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l' incaricato di esigere l' importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f' idejh b' att liberu u spontanju (vide Il-Pulizija v Joseph Mifsud deciza nhar it-2 ta' Dicembru, 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali; Il-Pulizija v Joseph Richmond et deciza nhar l-14 ta' Jannar, 1993; Il- Pulizija v Capt. Albert Mallia deciza nhar il-25 ta' April, 1949 u Il-Pulizija v Emanuel Cassar deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 1997).

Illi l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat gew diskussi fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joanne Scibberras deciza nhar l-10 ta' Jannar tas-sena 2018 [per Mag Dr. Donatella Frendo Dimech] li kkwotat is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Abela deciza nhar is-6 ta' Lulju tas-sena 2016 [per Mag Dr. Josette Demicoli] fejn intqal illi:

*"Għar-rigward tar-reat ta' miżapproprjazzjoni referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni****, fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:*

*"Dana r-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b' mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor."*

…

*Ir-reat ta' appropjrazzjoni indebita jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq ghax l-oggett li jkun jigi moghti lill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta' jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu wkoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent*

Antolisei jikkumenta illi:

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell' abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio".*

Illi f' sentenza ohra fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Marbeck Cremona*** deciza nhar il-15 ta' Frar tas-sena 2007 [per l-Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera] gie rilevat illi:

*"Skond ġurisprudenza kostanti u anke skond awturi, ġeneralment huwa ritenut li l-estremi ta' dan ir-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li ġejjin:*

*1. Illi l-pussess tal-ħaġa jkun ġie trasferit lis- suġġett attiv tar-reat volontarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jiġi speċifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivoċita' , li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil aġent jew lis-suġġett attiv tad- delitt, trid tkun magħmula* con l' animo di spostarsi del possesso, *għax altrimenti jiffugura mhux ir- reat tal-approprjazzjoni indebita, imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' għaliex f' dan il-każ ma jiffugurax l- element tal-azzjoni indebita.*

3. *Illi l-oġġett irid ikun mobbli.*

4. *Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jagħmel tiegħu l-ħaġa cioe japproprja ruħu minnha, jew ibiegħha, jew jiddistruġġiha* a proprio commodo o vantaggio;

*5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suġġett attiv tar-reat li japproprja ruħu mill-oġġett li jkun jaf li huwa ta' ħaddieħor."*

Illi fir-rigward tal-element intenzjonali sabiex tinstab htija f' dan ir-reat Maino jirrileva illi:

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta' , a scopo d' indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' della conversione con scienza della sua illegittimita' , e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d' un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. [...] Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' (come nel furto e nella truffa) l' animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo,*

*dalla violazione del contratto, dell' inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l' esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l' operaio che avenda ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l' incaricato di esigere l' importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi l-istess hsieb gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet The Police vs Artur Arakelyan deciza nhar is-17 ta' Lulju tas-sena 2013 [per l-Imhallef Dr. Edwina Grima]:

*"Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others."*

Illi ghalhekk jekk wiehed janalizza l-ligi u l-gurisprudenza hawn fuq iccitata wiehed jinduna illi dan ir-reat huwa ferm distint mis-serq u mill-frodi u dan peress illi fil-misappropjazzjoni r-reat isehh meta wieħed jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd, bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b' mod speċifiku; u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor."

Illi fil-kaz ojdern kif irrizulta b' mod car u minghajr ebda ombra ta' dubju fix-xhieda tal-appellanta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti hija agixxiet fuq struzzjonijiet moghtija lilha minn ommha fejn din specifikament qaltilha sabiex tigbed dawk il-bonds u shares halli tkun tista' tqassam il-flus bejn it-tfal taghha b' mod ugwali u dan wara illi t-tifla taghha l-ohra Vicky kienet diga' inghatat xi flus sabiex tkun tista' tigi Malta. Illi ghalhekk mhuwiex minnu illi jezistu l-elementi tar-reat in dizamina stante illi l-uzu tal-

flus illi ghamlet minnhom l-appellanta kien l-istess uzu illi giet awtorizzata u obbligata minn ommha illi taghmel minnhom.

Illi finalment jigi rilevat illi jekk ghal grazzja tal-argument wiehed jaghzel illi ma jemminx il-verzjoni tal-appellanta izda jemmen biss il-verzjoni tal-kwerelanta [li hi mimlija kontradizzjonijiet] xorta l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova element essenzjali fir-reat ta′ misappropjazzjoni u cioe′ l-iskop tal-persuna akkuzata illi idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor liema prova hija totalment mankanti fl-inkartament kriminali. Illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib provi illi juru illi dawn il-flus gew uzati jew nefqithom l-appellanta anzi l-appellanta irnexxilha imqar fuq bazi ta′ probabilita′ turi illi tali flus hija gibdithom u halliethom ghand ommha u zgur illi ma hadithomx hi.

Ghal dawn ir-ragunijiet hawn fuq elenkati l-appellanta tirrileva illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-Ligi u cioe′ lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni u ghaldaqstant meta wiehed jara l-provi, il-Ligi u l-gurisprudenza ghandu jasal ghal konkluzzjoni illi r-reat imputabbli lill-appellanta ma giex pruvat bl-ebda mod.

**B. Piena Erogata**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dan l-aggravju jirrigwarda l-piena. Illi huwa minnu li l-insenjament tal-Qrati superjuri dejjem sahaq li ma jiddisturbawx il-piena moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi fuq ton akkademiku, pero` l-esponenti ma jaqbilx kompletament ma′ tali insenjament. Illi dana peress li qabel mal-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta′ sistema ta′ ′ sentencing policy′ rigida, ma′ jzommu certu konsistenza u omogenjita` fis-sentenzi taghhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-kaz in ezami. Illi inoltre f′ kull każ Qrati ta′ l-appell xorta ghandhom jidhlu f′ eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le.

Illi l-esponent umilment tirrileva illi l-piena moghtija lilha u cioe′ dik ta′ erba′ (4) snin prigunerija hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**.

Illi f' dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m' ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m' ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m' ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo deciza mill-**Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop*

*jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Abela** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:

*Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza* ***Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri*** *moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:*

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' ; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l- impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex*

*mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Wood** din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b' mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f' dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x' ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** "[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into*

*account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta'* ***Anthony Wood****) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f' kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b' effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b' effett immedjat).*

**9.** *Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x' inhi jew x' tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b' mod li l-istat ma jinkorrix f' aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x' indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f' xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant*** *:*

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

Illi inoltre l-esponent jaghmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' *Principles of Sentencing* (Heinemann, London, 1979), ta' David Thomas, fejn intqal illi:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)*

Illi inoltre' , qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2014, fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry,** f' liema decizjoni l-Qorti tenniet:

> *F' dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piena karcerarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f' hajtu. […]*
>
> *Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini talFacilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn […].*

Illi di piu' l-appellant jirrileva illi l-piena fil-kaz de quo hija eccessiva anke in vista tal-fatt illi l-fedina penali tal-appellanta hija wahda netta u ghalhekk jekk ghandha tinstab hatja ghandha titqies u tigi kkunsidrata bhala *first time offender*. Fil-fatt, jigi rilevat illi l-fedina penali esebita fl-inkartament kriminali turi illi l-appellanta qatt ma messet difirha mal-gustizzja u ghalhekk hija bniedma b' fedina penali kompletament netta.

Illi inoltre' , l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt illi l-appellanta hija bniedma ta' eta' konsiderevoli fejn ghandha kwazi l-eta' ta' sittin sena, u ghalhekk dan kellu wkoll jimmilita favur l-appellant meta l-Qorti giet biex tapplika l-piena fil-konfront taghha.

Illi finalment jirrizulta illi fil-mori tal-kawza odjerna l-appellanta qatt ma kkommettiet reat iehor u f' dan ir-rigward f' diversi okkazzjonijiet l-Qrati taghna kellhom l-opportunita illi jippronunzjaw ruhhom fuq l-effett tat-trapass taz-zmien fuq il-piena, u

senjatament ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

> *it-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma.*

Illi ssir ukoll referenza ghal kawza fl-ismijiet **Il-Puliziija vs Nicola Farrugia, John Bugeja, u Loreto Bonello u ommisis**, datata tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002) fejn il-Qorti ta' l-Appell irreteniet illi:

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kkagunat jew provokat minnu stess – kif gara f' dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.*

Illi inoltre jigi rilevat illi d-deheb imsemmi fl-elenku a fol.53 tal-process kriminali diga' gie ritornat lill-parte civile u dan qabel inghatat is-sentenza. Illi fil-fatt jigi rilevat illi fil-mori tal-proceduri kriminali u qabel ma inghatat is-sentenza mill-Ewwel Onorabbli Qorti dan id-deheb gie ritornat lill-parte civile mill-appellanta izda milli jidher il-Qorti ma gietx infurmata b' dan l-iskambju u ghalhekk anke fl-ikkalibrar tal-piena ma setghetx tiehu konjizzjoni tal-fatt illi l-appellanta rritornat id-deheb lill-parte civile. Illi jigi rilevat illi l-appellanta dejjem sahqet u kienet konsistenti rigward il-fatt illi d-deheb ma kienx taghha izda kienet qed izzommu biss peress illi kien jonqosha tiehu xi oggetti liema oggetti izda nonostante illi baqghet ma hadithomx hija xorta rritornat tali deheb lill-parte civile.

Ghalhekk il-piena ta' erba' (4) snin prigunerija kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellanta tirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel

Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) skont ma jirrizulta mir-rapport li jinsab a fol 12 et sequitur u 187 et sequitur tal-atti processwali Mary Mifsud flimkien ma uhud minn ulieda kienu rraportaw li ammont ta' shares u bonds li kienu jappartjenu lil missierhom u li wara li gie nieqes kienu ghadew f'isem Mary Mifsud u cioe' l-omm kienu gew mibjuha minn ohthom Aloisia Mifsud Grech;

2. F'dan ir-rapport tnizzel li l-appellanta kellha prokura sa Frar, izda mill-atti processwali jirrizulta li l-ittra ufficjali li permezz taghha gew revokati u terminati l-prokuri kienet datata it-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) u li tinsab a fol 55 et sequitur giet notifikata lill-appellanta fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015)[1].Il-parti leza u uhud mill-ahwa izda jghidu li l-parti leza kienet ila tghid lil bintha l-appellanta biex tirritorna l-prokura u li l-appellanta rrifjutat. Fl-istess rapport tal-Pulizija tnizzel li l-prokura kienet giet imwaqfa fi Frar u li l-appellanta kienet giet infurmata dwar dan bil-fomm;

3. Gie rapportat ukoll fl-istess rapport li Mary Mifsud kienet tat ammont ta' deheb li kienu poggew gewwa safe li ma kienux certi f'liema bank jinsab u li kellhom lista dettaljata tad-deheb izda li meta giet mitluba biex tirritorna d-deheb, hi rrifjutat li taghmel dan;

4. Fl-istess rapport gie imnizzel li Mary Mifsud spjegat li tul iz-zmien kienet tigbed ammonti kbar ta' flus mill-penzjoni u dan minghajr il-permess taghha. Spjegat li mill-istess penzjoni kienu jingibdu bil-visa card u li hi kienet baqghet milli tirritona l-istess card tal-kreditu u li ghalhekek kienet iddecidiet li tiblokka l-istess card;

5. Illi ghalhekk inharget l-imputazzjoni fil-konfront tal-appellanta.

Din il-Qorti preliminarjament tosserva li fl-atti il-parti leza Mary Mifsud hija xi kultant imsejha 'Maria Mifsud' filwaqt li l-appellanta Aloisia Mifsud Grech hija f'xi waqtiet imsejha 'Louise'. In oltre' jirrizulta li fl-atti hemm numerar doppju tant li filwaqt li l-

[1] Ir-riferta fuq wara tal-ittra ufficjali tipprovdi li fil-5 ta' Mejju, 2015 kienet notifikata 'Aloisio Mifusd';

*bank statements* huma numerati minn fol 59 sa fol 188, wara fol 189 jerga jibda l-enumerar minn fol 90. Din il-Qorti sejra xorta wahda taghmel referenza ghal numru tal-pagna kif indikata fuq l-atti.

Illi l-appell tal-appellanta huwa bbazat fuq l-apprezzament tal-provi, fejn tissottometti li l-Qorti ghamlet apprezzament u interpretazzjoni hazina tal-provi migjuba quddiema u tal-ligi applikabbli meta sabita hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha. Dwar l-apprezzament tal-provi, kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) vs Raymond Azzopardi'**[2]:

'*...din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi sakemm il-konkluzzjoni tal- Ewwel Qorti ma tkunx tidher li hija legalment jew logikament zbaljata w sakemm ma tkunx tidher li hija wahda "unsafe and unsatisfactory".*

*Hekk gie ritenut li :-*

*"Hu principju stabilit fil-gurisprudenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall- konkluzzjoni li waslet ghaliha." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et." [6.6.1994] per V. De Gaetano J. )*

*u*

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id- diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill- Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal- istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha." (ara :App. Krim. "l-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.1994] , "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" [10.5.2002] u ohrajn.)*'

Din il-Qorti ghalhekk sejra tqis jekk il-Qorti setghetx legalment u ragonevolment issib htija tal-imputazzjoni ta' approprjazzjoni in debita migjuba fil-konfront tal-appellanta. Sejra fl-ewwel lok taghmel referenza in succint tal-provi saljenti mressqa quddiem l-Ewwel Qorti. L-Ispettur William Scicluna fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) spjega li kien ghal habta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju li s-Sinjura Mary Mifsud kienet marret l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara, sabiex taghmel rapport kontra Aloisia Mifsud Grech li hija t-tifla taghha li kellha prokura generali. Kienet allegat li kienet gibdet madwar tletin elf u erba' mitt ewro (€30,400) minn zewg

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April, 2003 (Appell Kriminali numru: 199/2002)

kontijiet f'isem Mary Mifsud. Kien ghalhekk li kien baghat ghall-appellanta u saru anke rikjesti lil bank HSBC u BOV fl-investigazzjoni li kkonfermaw li l-flus kienu ingibdu permez ta' prokura mill-appellanta.

Din il-Qorti sejra wkoll taghmel referenza ghar-rapport tal-pulizija datat il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) immarkat bhala Dok WS1 a fol 12 et sequitur fejn fost affarijiet ohra tnizzel li Mary Mifsud flimkien ma ulieda imnizzla bhala xhieda fir-rapport kienu innutaw kif ammont ta' shares u bonds li kienu jappartjenu lil missierhom u li wara li gie nieqes kienu ghaddew f'isem Mary Mifsud l-omm kienu gew mibjughin  min ohthom Aloisia Mifsud Grech li skont dan ir-rapport sa Frar kellha l-prokura ta' Mary Mifsud. Gie spjegat kif huma kienu saru jafu permezz tal-MFSA u l-Bank BOV kif l-Bonds u s-shares kien gew mibjugha f'zewg dati separati f'Marzu u cioe fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn kompliet tispjega kif il-prokura kienet giet imwaqfa fi Frar u binta Aloisia kienet giet infurmata dwar dan bil-fomm minnha stess. Spjegat li dawn ingibdu wara li twaqfet il-prokura legament u li ma kelliex il-jedd li taghmel dan u  li kienu ingibdu l-fuq minn tletin elf ewro (€30,000). F'dan ir-rapport tnizzel ukoll li Mary Mifsud spjegat kif kienet taghat ukoll ammont ta' deheb li kienu poggew gewwa safe li ma kienux certu f'liema bank jinsab, u kompliet tispjega kif huma kellhom lista detaljata ta' deheb li kien hemm gewwa dan is-safe u fejn meta mitluba sabiex jigi rriturnat dan id-deheb, hi rrifjutat li taghmel dan. Uliedha spjegaw li kienu ilhom li kelmu lil Avukat li kellhom suppost jirrangaw bejn l-avukati sabiex dan jigi ritornat pero dan baqa' ma sar xejn.  Fl-istess rapport Mary Mifsud spjegat li tul iz-zmien hi kiennt tigbed ammonti kbar ta' flus mill-penzjoni u minghajr il-permess taghha. F'dan ir-rapport tnizzel li Mary Mifsud hija mobli u setghet taghmel it-transazzjonijiet personali u ghalhekk ma kinitx taghti kaz jekk dawn il-flejjes kienu jingibdu. Mary Mifsud spjegat kif l-istess pensjoni kienu jingibdu bil-visa card u li kienet baqghet milli tirritona l-istess card tal-kreditu u li ghalhekk kienet iddecidiet li tiblokka l-istess card u li pruvat tirranga kollox bl-Avukat sabiex ma jkomplix jinqala aktar inkiet bejn il-familja taghha. F'dan ir-rapport bhala xhieda tnizlu Maria Mifsud, Giorgina Borg,  Lilian Fenech, Martin Mifsud u Carmela Mannino.

Dan ir-rapport gie ukoll prezentat a fol 187 et sequitur minn PC 522 Philip Gauci fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017).WPS 198 Jennifer

Caruana fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet li r-rapport hadu PC 522 u hi kienet prezenti.

Din il-Qorti sejra issa tirreferi ghal dak li xehdet il-parti leza u uhud minn ulieda. Il-parti leza Maria Mifsud fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) spjegat li kellhom tilwima ghax riedet iggib lit-tifla mill-Amerka u thallsilha l-passagg hi, u li kollha qalu iva hlief tlieta li sabu l-oggezzjoni. Xehdet li hija ghandha tmint'itfal, tghid li kienet se thallas passagg tal-Amerka biex tigi taraha ghax hi bezghet tmur u mistoqsija kemm bghatitilha flus wiegbet xi hames mija (500) ghandu jkun. Qaltilhom "*Dik ha ntihomlha issa, imma lilkom ghandi minn fejn naghtihomkom ghax il-pensjoni dejjem il-Bank u qatt ma' hadtha.*' Ikkonfermat li baghtet il-flus lit-tifla tal-Amerika, bdew jaqilghu hafna kwistjonijiet fuq il-flus ghax '*jien ghidtilha li ghandi minn fejn naghtihomlhom.*' Tghid li '*U mbghad baqghet tigi d-dar, kelli bzonn immur il-Bank ghax ridt nidhol go home u ghidtilhom: "Ma rridx nisma u lanqas nara, dan l-inkwiet li qed taqilghuli." Immur il-Bank, u ma' nsibu xejn. Hadithom kollha.*' Mistoqsija kemm kellha flus f'dan il-kont wiegbet '*Issa ma' tantx naf ghax kollox f'idejha. Kollox f'idejha.*' L-imputata kellha prokura, il-prokuri ghamlithom quddiem in-Nutar minn Birkirkara. Kien hemm zewg prokuri, wahda ta' ohtha tal-Amerka ghax kienet tohdilha hsiebhom hi. Xehdet ukoll dwar prokura ohra fuq it-tifla Lilian Fenech li toqghod Malta. Il-prokuri ghamlithom ghax tghid li ma kinitx tajba biex tmur il-Bnak. Il-Bank qrib taghha kien inghalaq u ridet tmur in-Naxxar, qabel kien hdejha Birkirkara imbghad jew Naxxar Road, jew Fleur-De-Lys kwazi. Mistoqsija jekk kien hemm affarijiet ohra li kienet tat lit-tifla taghha Aloisia Mifsud wiegbet '*Kellna shares, u meta morna l-Bank, qaltilna li dawn haduhom ukoll.*' Tghid li '*Ghandna d-deheb ukoll. Id-deheb kienet tinzilli bih hi, l-Bank, fis-safe, u meta jkolli bzonn kienet tmur igibuli hi.*' Il-bank lanqas il-gojjellerija ma sabet xejn. Giet murija dokument u qalet li kitbitu l-imputata id-dar taghha quddiem hutha kollha x'ghandha deheb ix-xhud. Tghid '*Biex jekk insibu xi haga nieqsa, hi responsabbli.*' Ma tafx x'sar minnu d-deheb '*hi trid tghidilkom x' ghamel bih.*' Wara li nqala l-inkwiet tghid li bdiet titlobha l-prokuri lura, ma tantx kien fadlilha fiducja. Meta rat li l-affarijiet il-Bank ma kienux sew umbghad ghamlet il-prokura fuq ohtha. L-ewwel li marru l-Bank u '*ccasajna meta qaluna x' kien baqa' u ma baqax.*' Il-Bank marret ma' Lilian Fenech '*Ghax jien ridt nidhol go home u ma' kellix imbghad.*' Marret anke l-HSBC taghmel verifiki.

Fl-atti giet ipprezentata prokura immarkata bhala Doc MM a fol 47 et sequitur maghmulha minn Maria Mifsud, Joseph Mifsud, Carmen Maninno, Georgina Borg, Sylvana Pace, Martin Mifsud u Lilian Fenech versu l-appellanta. Din hija datata t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-senna elfejn u erbgha (2004) u hemm imnizzel li '*Din il-prokura hija limitata għal dak kollu li għandu x'jaqsam mal-wirt ta' Anthony Mifsud li miet fit-18 ta' Dicembru 2003.*'

Kopja ta' prokura generali hija mmarkata bhala Dok MM1 u tinsab a fol 50 et sequitur maghmulha minn Maria Mifsud versu l-appellanta datata l-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003). A fol 53 u mmarkata bhala Dok MM2 giet prezentata lista ta' gojjellerija kif ukoll ittra ufficjali datat t-tletin (30) ta' Aril tas-sena elfejn u hmistax (2015) a fol 55 fejn saret referenza ghal prokura generali datat l-ghaxra (10) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u ghal prokura datata t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) fejn permezz ta' din l-ittra ufficjali Mary sive Mary Mifsud itterminat b'effett immedjat il-prokura generali u l-prokura imsemmija u interpellat lill-appellanta sabiex fi zmien tlett ijiem min notifika tal-ittra tirritorna kwalunkwe dokument apparenenti lil Mary sive Maria Mifsud, kwalunkwe credit cards u kwalunkwe oggett iehor appartenenti lil Mary sive Maria Mifsud. Din skont ir-riferta giet notifika lill-appellanta[3] fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015).

Gew ipprezentati a fol 59 et sequtur numru sostanzjali ta' bank statements tal-Bank of Valletta intestati fuq Mary Mifsud immarkati bhala Dok MM4. A fol 187 u mmarkat bhala Dok MM5 gie pprezentat statement ta' kont tal-HSBC Bank Malta plc intestat fuq Mary Mifsud.

Maria Mifsud regghet xehdet fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn prezentat affidavit taghha u gharfet il-firma taghha ghalkemm iddikjarat li ma tafx taqra. Ic-cifri msemmija fih tghid li qalithom hi, mill-Bank saret taf ic-cifri kemm haditilha, miz-zewg banek principali, l-HSBC u l-iehor nessiet x'ismu. F'dan l-affidavit guramentata datat it-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) a fol 159 gie ddikjarat li:

[3] Ir-riferta tindika 'Aloisio Mifsud' izda ma jirrizultax ikkontestat li l-appellanta kienet notifikata.

*'1. F'Marzu 2015, kienet gibdet mill-bank Bank of Valletta l-ammont ta' €21, 229.95. Dawn kienu investimenti li qabdet u hargithomli minn investimenti, ddepozitathom fil-kont bankarju tieghi u gibdithom mill-kont bankarju tieghi;*
*2. F'Marzu 2015, kienet gibdet mill-bank Bank of Valletta l-ammont ta' €4,236.30. Dawn kienu investimenti li qabdet u hargithomli minn investimenti, ddepozitathom fil-kont bankarju tieghi u gibdithom mill-kont bankarju tieghi;*

*3. Kienet gibdet mil-HSBC l-ammont ta' €5,000. Dan l-ammont kont tajtu lil Aloisia Mifsud Grech biex tiddepozitath fil-bank fix-xhur ta' qabel u wara li ddepozitatu, gibditu mill-bank f'Marzu 2015;*

*4. Kienet tigbed hafna ammonti fix-xahar li ma kontx nuzhom jien u fil-fatt kienet tigbed iktar milli kienet tidholli pensjoni;*

*5. Kienet tixtri affarijiet ghaliha mill-kont bankarju tieghi;*

***<u>Dawn il-flus Aloisia Mifsud Grech gibdithom minghajr il-permess tieghi u dan ghax abbuzat mill-prokura li kont tajtha biex tamministrali l-beni tieghi</u>.***

*Minbarra dawn il-flus Aloisia Mifsud Grech qed tirrifjuta ukoll li taghtini lura d-deheb li Aloisia Mifsud Grech kienet poggietli gew safe.'* (Emfazi u sotolinear mizjud minn din il-Qorti)

Lista ta' gojjellerija giet ipprezentata a fol 160.

Il-parti leza Maria Mifsud xehdet in kontro-ezami fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn spjegat li Louise, Silvana u Joey kienu sabu oggezjoni meta riedet iggib it-tifla mill-Amerka u thallsilha l-passagg. Ma tafx ghala sabu oggezzjoni, tikkonferma li ma riedux li ggibha. Il-flus minn dejjem il-Bank ghax il-pensjoni anke kien ghadu haj hu l-Bank. Mistoqsija minn qalilha li ngibdu l-flus mill-bank qalet '*Le, giet id-dar, hi u huha.*' Irreferiet ghal Joey '*Qalli: "Minn hawn qed jinsterqu l-flus." Ghidtlu: "Qed jinsterqu l-flus? Jien ma' sibt xejn imqalleb."*' Mistoqsija '*Jigifieri Joey qallek li qed jinsterqu l-flus.*' wiegbet '*Bil-prokura.*' Qalet '*U hi kienet warajh. U ghidtlu: "M' ghandi xejn imqalleb hawn."*' Fil-kamra tieghi tas-sodda. Ircevew ittra mill-Bank li l-flus qed jonqsu u marret il-Bank ma Liliana u '*ccassajna kif sibna kwazi kollox*'. Ma jidhirlix li l-Bank qalulha kif kienu qed johorgu l-flus, qalet ilu 4 snin. Il-pensjoni kienet tmur il-Bank mal-ewwel. Mistoqsija f'idejn min kienet thalli biex ihaddmilha l-kont, tghid li

'*Kollox hi kienet taghmel.*' Dak iz-zmien hi, Louise u r-ragel taghha kienu jghixu f'dik id-dar. Mistoqsija:

'*Avukat: Isssa, ghall-hajja kif kontu taghmlu?*

*Xhud: Ahna ghandna l-ghalqa u kwazi kollox ikollna mill-ghalqa. U mbghad affarijiet ohra nixtrihom mill-pensjoni.*

*Avukat: U min kien jixtrihom?*

*Xhud: Minn tal-kera.*

*Qorti: Minn tal-kera kont tixtrihom.*

*Avukat: Min kien jixtrihom?*

*Xhud: Tixtri hi l-bzonnijiet.*

*Avukat: Kienet tiehu hsieb kollox hi. Hekk hu?*

*Xhud; Eh.*

*Avukat: Int kont tajtha l-cards ukoll. Kont thalli f' idejha biex tonfoq ghall-hajja.*

*Xhud: U hadet il-bonds u hadet kollox.*'

Minghaliha tal-Bank qalilha dwar tal-bonds. Mistoqsija '*Imma inti kont taf li kellek, le*?' wiegbet '*Imma nsejt ta. 4 snin ilu.*' Mistoqsija jekk silfitx flus lit-tfal qalet '*Jien? Le. dak kien silifhom missierhom. Imma tawhom lura. Imma hi mhux isselfet, hi serqet.*' Mistoqsija meta rat id-deheb l-ahhar qalet li '*Konna gibnieh id-dar ghandu jkun u kulhadd kiteb il-karta ghalih. X' hemm u m'hemmx.*' Qalet li semghu li ha joghla min ikollu s-safe, d-deheb fis-safe u gabuh, '*gabitu u zammitu ghandha.*' Kien fl-istess zmien li saret taf li kellha flus neqsin mill-bank. Louise kienet ghadha tghix maghha meta saret taf li kellha l-flus neqsin. Tghid li umbghad ma bdietx tafdaha, kienet kelmitha fuqhom '*Xi tridha tghidlek? Ma' titkellem xejn. "Gibilna l-prokura, Gibilna l-prokura,"* u ma' gabitha qatt. Minn Jannar kienu ilhom jitolbuha l-prokura u ma' gabithiex. Anke n-Natura kienet qaltilha. Ma gabithiex. Tahseb li tiftakar li kienet qabdet Avukat biex jiktibilha bil-Qorti biex taghtiha l-prokura. L-Avukat qal '*Kien f' April dak tat-2015.*' wiegbet '*Jista jkun imma issa qed ninsa ta. Bl-inkwiet li qed tinkwetani ninsa.*' Dwar il-lista tad-deheb qalet li kulhadd l-ahwa kollha kieteb il-karta tieghu, minghaliha anke Joey kien hemm imma ma tiftakarx ghax tinsa qieghda. Mistoqsija '*Inti d-deheb tlabtulha lilha biex ittihulek dak il-hin?*'

wiegbet '*Ghax ridet iggibu la rajtu li ha joghla.*' Id-deheb gabitu dak in-nhar u regghet haditu maghha. Erba' snin u ghada ma gabitux. Hlief dawk li ghandha fuqha u cioe' par imsielet u zewg crieket ma ghandiex. L-imputata xahrejn damet tiehu hsieb lil missierha ghax ghamel hames xhur l-isptar. Mizzewga baqghet tghix maghha u mbaghad mill-Mother's day l'hemm harget ta' erba' (4) snin ilu. Riprodotta fl-istess seduta qalet li ghandha idea tal-ittra immarkata LF.

Wahda mill-ahwa tal-appellanta, Lilian Fenech fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) spjegat li meta miet missierha, ommha ghamlet prokura lill-appellanta biex tghinha fl-affarijiet tal-flus, tal-bank, tiehdilha hsieb l-affarijiet u d-deheb. Ommha riedet iggib lill oht ix-xhud mill-Amerka, ghall-ewwel kulhadd qabel u mbaghad ftit wara Aloisia '*qaltilna li l-Mama' m' ghandhiex flus bizzejjed. U x'hin staqsejniha kemm ghandha flus il-Bank, qaltilna hamest elef (5,000).*' Ommha aktar bdiet tissusspetta hazin u talbita l-prokura lura. Minn nofs Jannar ta' minghaliha l-elfejn u hmistax (2015) bdiet titlobha l-prokura. Aloisia rrifjutat li tatihiela ghal hafna drabi, staqsiet ghaliha hafna drabi. Ommha, mbghad talbitha d-dokumenti, credit cards u l-affarijiet kollha u Louise qaltilha '"*Qabel nircievi l-karta mill-Qorti, mhux ser naghtihielkom.*" U ghadhom minghajrhom. U mbghad qabdet l-Avukat biex tibghatilha ittra ufficjali minhabba l-prokura. Wara li giet itterminata l-prokura, ghamlet prokura lix-xhud u marru jgibu l-istatements mill-Banek u '*Irrizulta li kien hemm xi shares u bonds u sterling u dollari u affarijiet hemm gew kollha mwaqqfa u tefghathom fl-account tal-Mummy tal-BOV u mbghad gibdithom kollha cash.*' Tghid li '*Bonds u shares u affarijiet hekk kellha twenty one thousand, two hundred twenty nine (20,229). Sterling u dollar kellha four thousand, two hundred thirty six (4,236.)*' Dawn ingibdu fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tal-elfejn u hmisax (2015) u fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) kien hemm fl-HSBC hamest'elef (5,000) li ngibdu ukoll. Spjegat li '*Irrizulta li l-pensjoni tal-Mama' kienet kwazi spiccatilha kollha. Il-Mama' qatt ma' uzat il-flus tal-pensjoni taghha ghax dik ghandha kiri tal-garaxxijiet u kienet tghix bihom. U f' dawn l-istatements indunajna li kienet tigbed ammont sostanzjali ta' flus fix-xahar , plus hekk kienet tuza l-credit card taghha biex tixtri affarijiet personali ghaliha. Tax-xaghar, taz-zebgha, hwejjeg, affarijiet hekk.*' Kienu minghalihom li kien hemm safe deposit box f'isem ommha bid-deheb ta' ommha, meta kellhom l-prokura, marru jiccekkjaw u qalulhom li safe deposit box qatt ma kienet f'isem ommhom. Tghid li '*Staqsiet ghalihom kemm il-darba biex tirritorna d-deheb u ghadha ma' rritornatux sa issa*'. Sussegwentement ghamlet rapport l-Ghassa.

A fol 53 tal-process hija lista tad-deheb li kienu kitbu, ommha fiz-zminijiet ta' Jannar peress li diga kellha xi dubji fuqha, geghlitha iggib id-deheb mis-safe deposit box biex jarawh u jiddokumntaw x'inhu. Il-kitba hija ta' Aloisia Mifsud u kienet qratilha l-affarijiet ix-xhud, kull oggett u ffirmatu ommha u qaltilha biex l-ghada terga tirritornah fis-safe deposit box. Tlett kwarti mid-deheb huwa antik, wirtitu minghand ommha. Missier ix-xhud miet fit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003).Lilian Fenech regghet xehdet fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn prezentat il-prokura li ghamlitilha ommha. Din il-prokura tinsab a fol 175 et sequitur u datata t-tmienja u ghoxxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015).

Fix-xhieda in kontro-ezami, Lilian Fenech fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) mistoqsija meta saret taf li dawn il-flus huma neqsin wiegbet li l-ewwel kont tal-HSBC meta hadet lill ommha biex ticcekja x'kellha fil-kont. Id-data ma tiftakariex. Prokura ma kelliex ghalhekk kellha tigi ommha maghha. Tahseb li lejn l-ahhar ta' Jannar jew Frar. Mill-kont tal-HSBC sabet li kellha xi hamest'elef (5000) ngibdu. Sadanittant lahaq kellha l-prokura u marru l-BOV u gabu backdated ta' hames (5) snin, marret hi bil-kunsens ta' ommha bil-prokura minghaliha sa dakinhar Louise kienet ghadha tghix fid-dar ta' ommha, telqet mid-dar f'April jew Mejju f'jum l-omm. Ftit gimghat kienet ilha ghandha l-prokura. F'April marret ghax il-prokura t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu ghandha data. Qalet '*Li nifakar li rcevejna l-karta tal-Malta Financial Services xi gimgha qabel il-Mother's Day, ghax li nqala fil-Mother's Day minhabba dik l-ittra. U meta gibt l-istatements tal-BOV dak iz-zmien konna ghadna m' ghidnilha xejn lill-Mama', ghax bdejna nibzu li ha jtiha xi haga.*' L-ittra tal-MFSA. Fl-ghaxra (10) ta' Mejju riedet tohrog ommha u ma riditx thalli lil Louise u lil Alex hemmhekk minghajr ma tkun hemmhekk hi ghax ma baqghetx tafdahom. Imbaghad dik l-ittra nfurmaw lil ommha li l-bonds u s-shares li kellha ngibdu, kellha xi 30-40,000. Qabel ma waslet dik l-ittra ma kienux jafdawha lil Louise imma Ommha ma kienet ghadha taf b'xejn allura hi kienet tohrog u thalliha wahedha normali. Tghid '*in fatti tal-BOV konna nafu. Imma billi m' ghidnilha xejn lill-Mama', l-Mama' ma kienetx taf.*' Hi u hutha ma kienux jafdawha minn meta kienet gejja ohtha mill-Amerka u qaltilhom li ommha fil-kont taghha kull ma ghandha hamest'elef ewro (€5000). Ma fdawhiex ghax kien impossibli li daqshekk biss kellha. Dwar l-oggezzjoni ta' Louise dwar ohtha li gejja mill-Amerka dak iz-zmien ma kienux jafu ghalfejn. Saru jafu ghax ma hallitilhiex flus

fil-kont. Ma kienux jafu fil-verita' x'kien hemm u kemm kien hemm qabel. L-ammont kbir li kien hemm qabel tal-pensjoni. Tahseb li kien Novembru tal-elfejn u erbatax (2014) meta qalet li ommha ghandha biss hamest'elef (5000). Joey u Silvana qablu li Victoria tigi bil-flus ta' ommha. Wara li giet oggezzjonaw '*Ghax imbghad ma' nafx nghidlek il-verita'*. Naf li Louise mbghad qalet: "*Mhux sew li wahda ha tiehu ammont ta' flus u ahna l-kumplament ma' niehdux." Gabitilna tlett ezempji. L-ewwel qaltilna li l-Mama' m' ghandhiex flus bizzejjes, u b'hekk harget l-istorja li l-Mama' ghandha €5000 fil-Bank biss, u mbghad qaltilna: "Jekk il-mama' timrad u jkollna bzonn il-flus x'ser naghmlu?" u ahna. Hamsa minna ghidna li jekk ikollha bzonn xi hagall-mama' ahna ser nghinuha. U mbghad fl-ahhar accettat u qaltilna: "all right mela." Ghax imbghad hija qalilna, Martin, qieghed hawn illum, qalilna: "Ma' jimpurtax ara xi trid tohrog il-mama' u l-kumplament nohroghom jien, jekk it-ticket hu gholi." U qabzet Louise qaltilna: "U le mela, niehdu kollox mill-Bank." Ghax l-argument kien, l-istorja kollha bdiet mhux fuq il-flus tal-Bank, il-Mama' kellha somma ta' flus id-dar, ma rieditx thallihom hemmhekk u lili qaltli, dan kien xi September l-ewwel darba. Qaltli: "Ghandi somma tal-flus, issa naqsamhielkom u nithielkom ghall-Milied." U ghidtilha: "Mela ahna tfal zghar, ghadna bir-rigal tal-Milied. Aqbad u tihom lil Louise," ghax dak iz-zmien kienet ghadha hi bil-prokura u taghmilhom il-Bank u jiena ghidtilha: "Thallix ammonti ta' flus kbar id-dar." Xi gimgha wara regght qaltli. Ghidtilha: "Ma' aghti xi haga lit-tfal, u l flus itfaghhom, "Sadanittant jiena ma' kontx naf li hi mhux qed tafda lil Louise, ghalhekk ma' riedetx ittihomlha.*'

Kien ghadhom ma jafux li ommhom diga ma tafdax lil Louise u mistoqsija jekk mbghad qaltilhom ghalfejn ma kintix qed tafdaha lil Louise wiegbet '*Ghax bdiet tinnota, kien hemm xi katina tal-Papa' tad-deheb ma' jafux fejnha u kienet tistaqsi ghaliha u kienet tghidilha li tilfitha u mbghad tinstab, hafna affarijiet hekk, milli naf jien.*' Il-passagg gie xi hamest'elef (5000). Spjegat li '*Il-flus ma' kienux mill-Bank, il-Mummy kellha somma d-dar, ghalhekk imbghad lil Louise ghiditlha: "X' jigifieri nehdulha l-flus mill-Bank? Meta l-Mummy lili qaltli: Ghandi xi haga tal-flus u ntihilkom." U ahna qbilna bejnietna li minflok niehdu x-share taghna tal-flus, b'dawn il-flus ingibu lil Vicky bihom. Louise, Joey u Silvana, t-tlieta qablu, ghandi l-messaggi biex jghiduli 'iva.*' Giet ohtha u nqala l-inkwiet u li '*Sakemm kien hawn ohti mbghad Louise bghatitilna messagg li l-Mama' trid tkellimna, nzilna konna d-dar u ghidna: "Hawn Ma' xi trid?" U l-Mama' qaltilna: "Xejn." U qabzet Louise u qaltilha: "Ghidilhom ghidilhom." U qabzet il-Mama u qalitlna: "Jiena kull m'ghidt lil Louise li bhal ma' Vicky hadet 5000, ha naghti 5000 lilkom kollha." U ahna bdejna nghidu: "Mela ahna tfal zghar, ghax taghti*

*lil wahda, trid taghti lilna." U kien hemm Silvana u Joey u bdew jghidu: "No, ahna rridu x-share taghna."' Dak il-hin Martin qalilhom "Oqghodu hawnhekk, ha mmur ingib 5000 jiena." mar id-dar tieghu, gab 5000 u minlokk taghhom lilhom, ix-share taghhom qalilha "Ha Ma", "Daqs li kieku xtrajtu jiena l-passagg t' ohti".*

Xehdet li '*dawk il-5000 tal-HSBC li hadet, huwa dawn il-5000 li rega taha hija.*' Imbghad l-omm ghamlet in-nervi, sakemm kien hawn ohtha ma harget maghhom mkien, intefghat fis-sodda u minn dak iz-zmien sal-Mother's Day kienet ghadha qatt ma harget wahedha. Tahseb li lejn l-ahhar ta' April bdew imorru jqattghu l-iljieli ma ommhom meta l-omm bghatitilha l-ittra bl-Avukat biex tohrog mid-dar. Din il-Qorti tinnota li ghalkemm giet prezentata ittra bhala 'LF', din hija ittra datata t-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) mibghuta mill-Malta Stock Exchange plc in segwitu tar-revoka tal-prokura.

Lilian Fenech xehdet li l-omm qaltilha kemm il-darba bil-kelma biex tirritorna l-flus u d-deheb, la dokumenti, la receipts tal-bank, la l-credit cards, la d-deheb, ma rritornat xejn, allura ma kellhiex ghazla ohra hlief li taghmel rapport lil Pulizija. Ikkonfermat li ohtha wara l-ghaxra (10) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) ma baqghetx toqghod id-dar ta' ommha u l-kuntatt bejniethom spicca ghal kollox. Bit-telefonati u l-Avukat kemm il-darba kien hemm kuntatt biex jipruvaw jghidilha. Ikkonfermat li ommha jew missierha gieli selfu flus lil hutha. Tghid li hemm nota bil-ktieb anke b'xi Nutar minghaliha. Carmen zgur taf ghax ghandha tan-Nutar, il-bqija ma tafx. Ikkonfermat li kienet prezenti meta Louise gabet id-deheb, dan kien wara t-tnax (12) ta' Jannar ghax kienet ghadha kemm telqet ohtha. Ommha talbet lil Louise biex jiktbuh fuq karta ghax ma baqghetx tafdaha biex ikollhom kopja ta' x'hemm u x'ma hemmx deheb. Id-deheb ma nzammx ghax ommha qatt ma zammitu d-dar, regghet qaltilha biex terga tiehdu fis-safe deposit box. Kienu minghalihom li safe deposit box kien f'isem ommhom izda meta nqalghu dawn l-affarijiet saru jafu li jew nehhietu minn fuq ommha jew li s-safe deposit box qatt ma kien fuq ommha.

Xehdet ukoll Goergina Borg fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) li hija wkoll oht l-imputata. Ommha kienet tat prokura lill-imputata biex tiehdilha hsieb il-flus. Mistoqsija jekk inqala xi inkwiet minn Dicembru elfejn u hmistax (2015) qalet li ommha riedet iggib lil ohtha mill-Amerika u ghall-ewwel qablu li jgibuha u l-ghada ma qablux ohtha Louise u tnejn ohra. Ommha gieha suspett minhabba l-flus,

u riedu jmorru l-Bank biex tara minhabba l-flus. Il-prokura talbitilha ommha ghal darba, tnejn, biex twaqqafilha u baqghet ghandha. Ma riditix tatihielha lil ommha, umbghad ommha marret ghand l-Avukat biex hadu l-passi u bghattitilha ittra ufficjali. Wara marru l-bank, gabu d-dokumenti. Ohtha Lilian li ghandha l-prokura marret il-bank. Hi ma marritx izda rat id-dokumenti. Id-dokumenti kienu juru li l-missier kellu bonds u shares u hadithom  ohtha, gibdithom u ghamlithom go bank iehor. Ikkonfermat li kienet rat id-dokumenti minn fol 59 sa 187. Missierha kien jghidilhom li ghandu bonds u shares, Louise l-imputata gibdithom mill-kont tal-HSBC, '*fuq il-Pa*'.

Ommha talbet lil Louise id-deheb ukoll u baqghet ma tatuliex. Ma setghux igibu valur tad-deheb ghax mhux qieghed ghandhom. Ikkonfermat li l-lista tad-deheb u l-fidda hija a fol 6 tal-process. Minhabba l-flus u deheb kellhom imorru ghand il-Pulizija jaghmlu rapport, l-Ghassa ta' Birkirkara.

Georgina Borg xehdet in kontro-ezami fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn qalet li l-inkwiet ma ohtha inqala fuq li riedu jgibu lil ohtha mill-Amerka. Louise, Joey u Silvana qablu li ma tigix minhabba l-flus ghax ha tigiha hafna gholja u qaltilhom li mhux sewwa li ha jhallsu taghha, tat-tifel u tar-ragel u giet xorta. Spjegat '*Il-flus mhux t' ommi. Taghmel li trid hi.*' Ommha talbitha ggib d-deheb, '*gabitu, ktibna kollox, haditu u ghadu ma' giex.*' Kienet prezenti meta nkitbet il-lista. Tghid li '*kienet dejjem tghidilha lill-Mummy biex ma' thallihx hawn ghax kienet kemm il-darba jinsteraq xi haga u ma' nsibuhiex. Wara nsibuha u qaltilha: "Mur huduli l-Bank."*' Dak iz-zmien kellhom fiducja fiha ghalhekk hadd ma offra li jzommu hu d-deheb. Mistoqsija 'Dak iz-zmien meta gie d-deheb, kont ghadek qed tafdaha?' wiegbet '*Le, mbaghad minn hemm beda l-inkwiet u ma' fdajnihiex.*' Mistoqsija '*La ma' kontux qed tafdawha ghaxliex hallejtuha terga titlaq bih id-deheb?*' wiegbet '*Ghax qaltilha l-Mummy.*' L-omm qaltilha tiehdu l-bank. Ikkonfermat li qabel Marzu tal-elfejn u hmistax (2015) Louise, Alex u ommha kienu joqghodu d-dar. Kienu jafu li Louise kienet tiehu hsieb il-kontijiet tal-bank ta' ommha. F'Jannar ommha staqsiet lil Louise ghal prokuri. Tghid li '*kumbinazzjoni konna hemm u qalitlha: "Gibli l-prokura." U* qaltilha "*La ghadni ma' rcevejt xejn, ma' ngiblek xejn." U ghadhom sal-lum qatt ma' gabet xejn.*' Dan id-diskors sar quddiemha u dan kien meta kienet qisha gejja Vicky, fl-14, 15. Tghid '*Imma konna hemm u qaltilha. Qaltilha: "Gibli l-prokura, ghax mhux qieghda nafdak."* Ghada sal-lum ma gabithomx.  Tahseb li kien wara tad-deheb. Tghid '*mbghad ohti marret ghax din qaltilha: "Murli ghand in-Nutar." Biex*

*inwaqqfuhielha.'* Tghid '*Jien mbghad mort m' ohti ghand in-Nutar, biex inwaqqfulha l-prokura. U mbghad qaltilha: "Issa nibghatilha ittra." U mbghad meta rgajna ghidna lil ohti, biex lill-Mummy ggibhielha l-prokura jigifieri lil Lilian 'Il-Mummy qalet lil Louise biex tera ggibhileha l-prokura u qaltilha: "Jiena la ghadni ma' rcevejt xejn, mhu ha ngib xejn."* Dan id-diskors sar quddiemha. In-Nutara kienet qalet li baghtitilha ittra. Ikkonfermat li ommha giet selfitha flus tghid '*U kollox bil-miktub u kollox bl-imghax u kollox tajniha. Kollox bil-miktub.'* Tghid '*Jiena meta kienet anke sellfitni l-Mummy, dan l-ahhar le, meta kien hemm il-Pa kien sellifni bl-imghax u kollox. U meta kienet selfitni l-Mummy, bil-miktub u kollox u kont intiha fix-xahar.'* Tghid li Carmen ghandikun ukoll isselfet.

Martin Mifsud xehed fis-seduta tat-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) li huwa it-tewmi tal-imputata. Spjega li ommu kienet taghat prokura lill-imputata biex tiehu hsieb l-affarijiet taghha tal-finanzi. Qal li fl-elfejn u erbatax (2014) beda jinqala' l-inkwiet, fl-elfejn u hmistax (2015) qaltilha biex ma tuzax il-prokura izjed ha tnehhilha l-prokura. Jahseb li bil-fomm anke fl-elfejn u erbatax (2014) kienet qaltilha. Mistoqsi jekk kien semaha wiegeb '*iva iva kemm il-darba kont hemm, kemm il-darba tant hu hekk li kellna meeting darba u bdiet tghidilha li flusi u ma nistax nuzhom kif irrid ghax hi trid iggib lill ohti mill-Amerika.'* Ommu riedet iggib lil ohtu u ommu bdiet tghid li bi flusha u ma tistax tuzahom ghax ohtu bdiet izzommilha. Spjega li '*Min dak inhar bdiet tghidilha ha nnehhilek kollox tuzax izjed u nehhitielha insomma bil-fomm nehhitilha kemm il-darba..'* Sar anke rapport bil-pulizija u ma riditx ittihila lura qabel ohtu tircievi bil-Qorti. Jghid li wara li ommu nehhiet il-prokura, tat prokura lil Lilianne. Hadu rendikont ta' kollox li kien hemm, sabu li tal-quick cash kien hemm ammont kbir ta' flus li kienu migbudin. Mistoqsi dwar kemm ingibdu, wiegeb l-elfejn u hmistax (2015) ghandu wiehed u ghoxrin elf u mitejn (21,200), ghandu erbat'elef u mitejn (4,200) tal-BOV u l-HSBC hemm xi hamest'elef (5,000) ohra. Il-flus ingibdu qabel ma tat il-prokura lil Lilianne. Louise u cioe' Aloisia l-imputata kienet l-unika persuna li kellha l-prokura qabel. Id-deheb ta' ommu suppost kellu jkun go safe fuq isem ommu u qatt ma kien, skoprew wara. Kemm il-darba talbitilha u mistoqsi x'kienet tghid, jghid '*Xejn issa meta jfettilli jew meta nkun komda jew hekk, li jigi ghal go halqha dak il-hin.'* Gie prezentat parti minn statement of account intesta f'isem Mary Mifsud mal-Bank of Valletta immarkat bhala Dok MM2 a fol 230.

Martin Mifsud xehed in kontro-ezami fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) li ma kienx prezenti meta gie d-deheb izda ra l-lista uritielu ommu biex jiffirmawha. Taghtu karta tal-lista tad-deheb, iffirmata minn ghandha, hu ma ffirmax. Victoria giet xi erba' (4) snin ilu ghal habta tal-Milied. Xehed li '*il-Mummy riedet ittini xi haga tal-flus u jiena ghidtilha: "Ma m'ghandniex bzonn flus ahna. Jekk ghandek xi xewqa li trid taghmilha, ahna ntuhielek lura." u fil-Milied qatt ma' giet ohti u qaltli: "Mela ngibuha?" U ghidtilha: "Mela ngibuha." Daqshekk. Issa meta ftehmna li ha ngibuha tlieta ma' qablux.*' Dawn kienu Louise, Silva u Joey ghax riedu l-flus. Spjega '*l-Mummy bdiet tghidilna: "Kemm tiehu Vicky, ha tiehdu intom." U mbghad irrangajna nsomma u ghamilna laqgha bejnietna l-ahwa l-ghalqa u ftehma u qbilna..*' Kienu ftehmu li jgibuha '*U ma' baqghetx tafdaha ghax Louise bdiet tghid li l-Mummy m' ghandhiex flus. U l-Mummy qalet: "Kif jista' jkun, jien lanqas immissha l-pensjoni." Il-pensjoni kollha l-Bank tmur, kif jista' jkun m' hemmx flus? Minn hemmhekk bdejna nissuspettaw hazin.*" Kienu jafu li Louise biss kellha prokura. Kienu jafu li Louise tiehu hsieb kollox hi bil-kunsens ta' ommhom. Jghid '*Imbghad il-Mummy bdiet tghidilha biex ittiha l-prokura lura u mbghad qaltilha: "Qabel nircievi mill-Qorti mhux ser intihielek." Ftahna l-kawzi, u kumbinazzjoni rcevejna mil-MFSA, li ghall-laqgha ahna mhux ser inkunu prezenti ghax irtiraw il-flus, il-bonds u hekk. ghidtilha: "kif jista jkun?" Li anke l-bonds ingibdu illi kien hemm.*' Ikkonferma li rah Dok LF ghax urietili ohtu. Spjega li mhux ser ikunu prezenti ghax il-flus ma ghadhomx fil-bank. Jghid li dawk jaghmlu laqgha darba fis-sena u kull sena jibghatulhom l-ittra habba li kellhom l-bonds hemmhekk. Kull sena jircievu l-ittra. Xehed li '*Meta rcevejna dawn, mhux jien imma ohti, imma bl-appogg tieghi voldieri ta. Ghamilna tal-Bank, x'jghidulha? Niccekjaw il-flus il-Bank u kullhadd jghidilna: "Hawnhemm m' ghandkom xejn.*" Ma kienx hemm flus il-bank, xi naqriet zghar, jghid li xi hamest'elef (5000) il-BOV ghandu jkun. Ma marx il-bank izda ra l-karti. Meta saru jafu u rcevew l-ittra jahseb li kienet gia telqet. Fuq l-ittra kellimha qalilha "*Anke l-bonds hadtilha?*" Qaltu "*Ma' nafx, ma' nafx, ma' nafx." Daqshekk."Ma nafx, ma' nafx, ma' nafx.*"

Il-Prosekuzzjoni resqet ukoll rapprezentanti tal-Banek. Joanna Bartolo li xehdet fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) in rapprezentanza tal-Bank of Valletta xehdet dwar statement dwar kont bankarju li jghajjat lil Mary Mifsud. Dwar fol 59, spjegat li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) saret withdrawal ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn, u disgha u ghoxrin ewro u hamsa u disghin centezmu (€21,229.95) u fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tal-elfejn u hmistax

(2015) saret withdrawal ta' erbat'elef, mitejn u sitta u tletin u tletin centezmu (€4,236.30). Dawn il-withdrawals saru fil-fergha ta' Fleur-De-Lys, li hemm firma ta' Louise Mifsud u nota li saru permezz ta' prokura generali. Gewipprezentati zewg withdrawal slips a fol 98 u 99 immarkati bhala Dok JB1 u Dok JB2 u statement of account bhala Dok JB3 a fol 100.

Joanna Bartolo regghet xehdet fl-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn spjegat li '*qed nara a fol 100 li huwa statement ta' Mary Mifsud, parti mill-istatement ta' Mary Mifsud, kont 40012567591, hemm transactions credit deposits dated 18th March 2015. Hemm wahda minnhom survivors pension tas-Central Bank, tidher il-pensjoni u mbghad hemm 4 wara xulxin, jidhru BOV stock broking Bank of Valletta plc, deposits. Ta' 4783. 77, 3550.50, 8902. 01 u 3993. 67. Dawk jihdru huma xi sales li saru minn BOV bhala stock broker u l-credit taghhom dahlu fifl-kont ta' Mary Mifsud. Insegwitu ghal dawk hemm withdrawal 21st March 2015, ta' 2129.95 li fil-fatt fl-ammont fuq li fuqha kont xehedt fil-1 st July 2016. Wara dawk hemm credit payment ohra minghand il-Valletta fund management ta' 4236.30, warajha ezatt hemm withdawal ta' 4326. 30 li again kont xehedt fuq dik il-withdrawal per se fl-istess xhieda ta' July 2016.*' Kienet gibdithom Louise Mifsud it-tnejn li huma bin-numru 303463M.

Audrey Ghigo fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u sittax (2016) ikkonfermat li Aloisia Mifsud Grech bin-numru tal-karta tal-identita' 303463(M) kellha safe deposit locker fil-fergha ta' Birkirkara. Dwar kontijiet bankarji f'isem Aloisia Mifsud Grech xehdet dwar withdrawal ta' hamest'elef (5000) li saret mill-kont bankarju intestat fuq Mary Mifsud permezz ta' prokura generali. Skont ir-rekords taghhom, il-prokura giet revokata fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015).

In-Nutara Marthese Felice fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) giet murija prokuri u kkonfermat li l-mandatarji kollha ffirmaw qudiemha. Tghid li sa fejn taf hi tal-omm giet terminata ghax irceviet notifika. In-Nutar Marthese Felice regghet xehdet, din id-darba fit-tlieta u ghoxrinn (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn spjegat li '*l'unika prokura li sibt kienet dik datata 23 ta' Marzu 2004 li hija transuntata fl-atti tieghi tat-30 ta' Settembru 2014) li kienet ghamlet Maria Mifsud lil Aloisia Mifsud*.' Din giet esebita a fol 242 et sequtiur bhala Dok MF2.

Il-Prokuratur Legali Quentin Tanti fis-seduta tat-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed li Anthony Mifsud bin-numru tal-karta tal-identita' 628729M illum mejjet mhuwiex involut f'kumpannija registrata hawn Malta. Huwa rega xehed fit-tlieta

u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpanija fi hdan l-MFSA xehed li mir-records elettronici tar-Registratur tal-Kumpanniji Mary Mifsud ma hijiex prezentament involuta f'xi kumpannija registrata hawn Malta pero r-Registratur tal-Kumpanniji mhux f'pozizzjoni jikkonferma jekk fil-passat kelliex xi involviment jew iehor. Melissa Magro fis-seduta tat-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet li dwar ricerki li ghandhom dwar Anthony Mifsud '*kellu MSE account irregistrat maghna tah l-MSE 377015 l-investimenti llum il-gurnata ma baqa xejn fl-account. Wiehed mill-investimenti kien gie redeemend spicca fit-2004 filwaqt li l-investimenti kollha l-ohra li ghandu kollha gewa trasferiti fuq Miss Maria Mifsud MSE 9401261 l-id card taghha 422534. Dan between 2004 sa 2007. Gibt mieghi transaction history.*' Giet ipprezentata ittra datata t-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u mmarkata bhala Dok MM mahruga mis-Central Securities Depositary tal-Malta Stock Exchange plc fejn tnizzel li '*from records held at the Central Depository it results that Mr Anthony Mifsud (ID 628729M) held MSE A/c 377015 in his sole name. All balances were transferred and the account has bee closed due to cause mortis.*' u fejn giet prezentata transaction history.

George Camilleri in rapprezentanza ta' Malta Stock Exchange fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) dwar Maria Mifsud xehed li '*mir-ricerka hija ghandha kont li bhalissa prezentament jinsab vojt mall-Malta Stock Exchange imma hawnhekk hrigna wkoll history tat-transazzjonijiet li saru fil-kont taghha.*' Spjega li '*il-bonds u s-shares gew fil-kont taghha l-ewwel darba bhala mezz ta' wirt. Kien hemm minnhom transazzjonijiet fl-2015 fejn l-istocks inbieghu u l-istock broker dejjem kien bank of Valletta u kien hemm erba' minnhom li gew redeemened jigifieri ghalaq il-maturita' taghhom u b'hekk suppost hadet il-flus lura s-Sinjura Maria Mifsud.*' Ma jirrizultalhomx min ikun ha l-flus, jghid li l-istock broker ikollu din l-informazzjoni ta' min biegh l-istock. Huma bhala kumpannija la jbieghu u lanqas jixtru. Huma jaraw it-trading biss, jirregistraw x'ikun qed isir. F'dak il-kaz ikun jistghu jaghtu din l-informazzjoni kollha l-Bank of Valletta. Fejn marru l-flus ta' meta jkunu gew redeemened ikollu l-issuer ta' dak il-bond jew share, l-informazzjoni kollha annessa mal-ittra. Dan ix-xhud prezenta ittra a fol 238 immarkata bhala Dok GC fejn tnizzel li '*from records held at the Central Securities Depository it results that Maria Mifsud (ID 422534M) holds MSE Account 9401261 in her sole name. It results that currently no securities are registered in the same MSE account following*

*redemptions and market trasnfers.*' Flimkien ma' din l-ittra gie prezentat dokument bid-dettalji ta' transazzjonijiet.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex in succint tirreferi ghal partijiet saljenti tax-xhieda tal-imputata li ghazlet li tiehu l-pedana tax-xhieda u ghax-xhieda in difeza. L-appellanta Aloisia Mifsud Grech fix-xhieda taghha tad-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehdet li ghandha hamsa u hamsin (55) sena u ghandha sebgha (7) ahwa ohra. Sal-elfejn u hmistax (2015) kienet toqghod ma' ommha u zewgha. Spjegat li missierha kien ghamlilha prokura mill-elfejn u wiehed (2001) sal-elfejn u tlieta (2003) sakemm miet, talabha biex tieqaf mix-xoghol biex tibqa' tiehu hsiebhom u kif miet ghamlet l-prokura ommha mil-elfejn u tlieta (2003) sal-elfejn u hmistax (2015). Ohtha z-zghira li tghix l-Amerika ghamlitilha prokura mill-elfejn u tnejn (2002) sal-elfejn u hmistax (2015) ukoll. Tghid li jidher li kienet fdata, baqghet xebba d-dar tiehu hsieb lil ommha u wara xi ghaxar (10) snin qaltilhom li ha tizzewweg u tghid li qisha faqghet bomba nukleari, minn hemm qisu beda' l-inkwiet. Huha l-kbir Joe Mifsud '*kien iltqajna fit-triq u qalli kienet sabitu ohtna Lilian Fenech u qaltlu x'ser naghmlu habba Louise u habba d-dar. Qalilha heq jekk il-mummy, ghax ommi u missieri kienu hallewli d-dar biex noqghod fiha anke jekk nizzewweg. Qalilha ma nahseb li tista' taghmel xejn u ghaddiet. Fit-2014 izzewwigt, imbaghad*'. Ir-ragel taghha jismu Alexander Grech u marru jghixu ghand ommha, hi baqghet hekk, anke hu kien dahal qabel ghax kellu operazzjoni f'ghonqu. Spjegat li kienu fl-ghalqa ta' missierha fl-ahhar gurnata ta' Novembru u li '*fl-1 ta' Dicembru qalli, Martin Mifsud, qalli ha naghmlu sopriza lill-mummy, qalli ha ngibu lil Vicky mill-Amerika, ghidtlu tajjeb, sabiha. Qalli issa inti kemm tghidilha biex taghtik il-flus, ghidtlu mela mhux ser tibqa' sorpriza, qalli imma hi kienet qaltli lili u lil ohti Lilian li ghandha l-flus d-dar u trid tara kif ser tonfoqhom. Qalli issa ghada Lilian Fenech ghandha tibghatilna messagg lill-ahwa kollha biex tghidilna kemm gej il-passagg u hekk kien l-ghada baghtitli ohti li l-vjagg ghal tlett min-nies, ohti, r-ragel taghha u t-tifel kien ser jigi jiswaw tmien t'elef u gejja 24th December for two weeks.*' Minnufih cemplet lil Martin Mifsud '*Ghidtlu dik mhux surprise li ser taghtiha xokk tmien t'elef, ghidtlu hu pacenzja ghax ma nahsibx li lbierah fehmtuha din, ghax diga ghandha l-passagg maqtugh din, ghidtlu hu pacenzja u min ftiehem, min kienet tieghu din l-idea jghidilha hu lil ommi. Qalli tiehux hsieb, qalli issa nghidilha jien u nahseb mar jghidilha u filghaxija mort id-dar u l-ewwel qisha ghamlet ghaliha qalti li inti kont taf u ma ghidtlix, ghidtilha le jien ma kont naf xejn, ghidtilha jien ilbierah sirt naf, ghidtilha issa x'ser taghmel? Qaltila issa ser nghidilha le? Qaltli ghandha t-*

*ticket maqtugh? Tasal tlett gimghat ohra? Qalti imma jien mhux lilha biss ghandi, qaltli jekk naghti tmien t'elef lilha irrid nara kif ser naghti tmien t'elef lill-ohra kollha qaltli ghax glied ser ikun hawn u problemi, u ghaddiet insomma, ma lahqitx tathomlom, Lilian sal-gimgha sa 5th December kellha tiffowerdjalha l-flus ma nafx kif u come u peress li kienet ghadha ma haditx il-flus hija Martin issugerixxa li jmur maghha u jhallashom hu qalli ahbar tajba ghax il-flights rahsu tlett elef, ghidtlu kif jista' jkun, ghidtlu jekk il-flights maqtughin? Ghidtlu fil-peak season ghidtlu kif jista' jorhsu tlett elef? Qali int mhux xorta ghalik, ghidtlu iva xorta, ghidtlu mhux flus, l-flus tal-mummy u insomma ghaddiet ukoll. Ohti giet, ommi kull ma harget maghhom fil-Christmas ghax qaltli jien ma rrid immur imkien, ma rrid nisma u nara xejn, qaltli ghax ha jinqala l-inkwiet zgur. Kemm hu vera qabel telqet ohti, geghlitni nibghat messagg lil huti kollha biex nghidilhom jigu d-dar ghax trid tkellimhom*'. Fil-hamsa (5) ta' Jannar gew kollha d-dar u ommha qaltilhom li kif tat issa ovvjament hamest'elef (5000) lil ohthom Vicky ser taghti hamest'elef (5000) kull wiehed lil kull wahda minna barra tnejn minnhom li huma Carmen Manino u Georgina Borg ghax dawk kellhom id-dejn maghha u minflok tatihomlom, kienet ser tnaqqsilhom id-dejn. Hutha hamsa minnhom jigifieri Martin, Gina, Carmen, Lilian u Vicky pprotestaw ghax qalulha li huma ma gabux lil ohthom Vicky biex tqasimilhom hamest'elef. Spjegat li '*Qaltilna iva imma jien xorta rrid naghtihom, la tajt lilha irrid naghtihom lilkom ukoll.*' Tghid li hadd ma ta spjegazzjoni kif il-flights rahsu tlett elef. Xehdet li '*Hija l-kbir Joe qalilhom intom ma tantx tistghu tirrifjutaw hamest elef specjalment dawk li kellhom id-dejn u ghaddiet. L-ghada kellna, hija sorry, hija Martin mar gabilha l-hamest elef lura, qalilha dawn il-hamest elef li tajtni tat-ticket li hallast u issa hekk gejt hallasthom jien*'. L-ghada kellhom memorial service ta' missierha u gew huta bl-irgiel u tfal, neputijiet kulhadd u wara kulhadd tela' ghand ommha, inqala l-glied, bdew iwahhlu fl-appellanta li '*lil ohti fottejtilha l-holiday*'. Martin l-uniku li ma kienx hemm. Tghid li kienet l-idea ta' ommha mhux taghhom li jiehdu hamest elef (5000) kull wiehed. Fil-glieda l-omm bdiet tghajjat maghhom li imisshom jisthu ghadhom hiergin mill-quddies, '*qaltilhom kulhadd imur go daru u qabel hargu ohti Gina, Carmen u Lilian bdew jghajjruni impattuhielek, inkeccuk ghax din mhux darek u ghaddiet. L-ghada ohti tellqet qisu wara gimgha l-affarijiet ikkalmaw, jien xorta kellimt lil ommi, ghidtilha jekk tridni nitlaq mhux problema, hi qalet li ma semathomx jghidu hekk imma ohti Silva li kien hemm qaltilha iva veru ma hekk bdew jghidulha, qaltli le int oqghod hawn, din darek, qaltli dari imma jien tajtha lilek u int ha toqghod hawn ghax int tiehu hsiebi.*' Dan kien f'Jannar meta telqet ohtha s-Sibt. Tghid li '*it-Tnejn cempel il-bieb kif morna biex imorru ghax-xoghol jien u*

*zewgi u kif ninzel insib lil hija joe, u kien qed jghoddilha xi flus. Qaltli dawn il-hamest elef li tani Martin, aqbad, qed jiccekjahom, aqbad u mur poggihom il-bank, qaltli u jekk jista' jkun ghamilhom fixed, qaltli halli hadd jitlobni aktar flus, qaltli ghax dan il-flus qed igibu hafna inkwiet bejnietkom. Ohti l-kbira kellha 24 thousand dejn u ohti gina kellha 18 thousand. Kienet sa ftit snin ilu fit-2011 meta ohti Carmen marret l-Amerika kienet qalet lili, l-ewwel qadet tgergirli li ma jhallsux id-dejn imma biex isiefru ghandhom imbaghad ghidtilha qisek qed tghidli biex nghidilhom jien ux. Qaltli jekk tista' tghidilha qaltli bil-kelma t-tajba ux. Kont ghidtilha lil ohti Carmen u vera bdiet thallas xi haga xi kultant.*' Mistoqsija dwar l-elfejn u hmistax (2015) qalet '*Le imma just biex nghid li minn 24 thousand ohti lahqet hallset 1200 sa dakinhar. Insomma qaltli ghamilhom fixed halli hadd ma jigi jitlobni, ghidtilha issa ghada mmur. Mort l-ghada u qaluli ma tistax taghmilhom fixed inti avolja ghandek il-prokura, trid tigi hi, trid tkun hawn prezenti hi. Mort f'bank iehor u qalli l-istess, allura ergajt mort l-HSBC u ghamilthom hemmekk. Filghaxija ghidtilha, qallti le jien ma rridx immur il-bank, qaltli ghalhekk ghandek il-prokura inti, ghidtilha imma fixed ma jistghux jitpoggew jekk ma tigix, qaltli meta hallihom hemmhekk.*' Ghamlithom go kont normali fit-13 ta' Jannar, '*fil-15 ommi talbithom ic-cavetta, huti kollha barra hija l-kbir Joe, kulhadd kellu c-cavetta tad-dar.*' Talbet ic-cavetta lil Gina, Lilian u Sylvana. Martin talbitilu u pprotesta bil-kbir ma ried jaghtihilha b'xejn, qalilha li jekk jigi u ma tiftahlux imur l-ghassa u jghidilhom jigu jkisru l-bieb. Qaltlu u jekk ma tkunx hawn, qalilha li ma jinterresahx, Martin qal hekk lil ommu. L-omm regghet tat lura c-cwievet. Tghid li ma kienet taf b'xejn u bdew jahsbu li gej kollox minnha. Saret taf ghax giet ohtha tghajjat il-hanut biex tifthilha. Umbghad kulhadd kellu c-cavetta inkluz huha Joe. Tghid li hu biss ma kellux u tatielu. Imbaghad fi Frar ommha qaltilha biex iggibilha d-deheb li kellha go safe deposit box il-bank. Dan gara li meta miet missierha fl-elfejn u tlieta (2003) bdiet tibza thallihom hemm u qaltilha biex tmur u tiftah safe deposit box ha taghmilhom hemm, qaltilha ghax tibza thallihom id-dar u hekk ghamlet, tghid li ghandha l-rcevuta mill-elfejn u erbgha (2004), dejjem kien fuq isimha, qatt ma kien isem ommha, ommha qatt ma kienet tmur il-bank la kellha l-prokura, ma jistax kif qalu li ttrasferietu minn fuq ommha ghal fuqha u ghandha l-ircevuta u qaltilha iva mela le. Ghandha ircevuta li hi fethet s-safe deposit box. Kien fuq isimha u kien jithallas mill-current account taghha, kull xahar u haditha bhala sorpriza ghax ommha kienet titlobulha d-deheb meta jkollha xi okkazzjoni, qaltilha ingibulek, '*qaltli ghax ahjar niccekkjah u ovvjament dahalli hsieb li huti setghu qalulha li jien sraqtilha xi deheb. Gibnih, ratu kollu, kkonfermat li kollox kien hemm, sa ktibnieh ghamilna speci ta'*

*itenerary ta' kull oggett li kien hemm'*. Din tinsab a fol 53. Kien hemm hutha prezenti, Joe Mifsud, Georgina Borg u Lilian Fenech u iktar tard gew Martin u Carmen jidhrilha. Spjegat li '*qaltilhom qed taraw kollox hawn, u qaltli ghamel l-karta ffirmata, qalti ghamilhom gol-kaxxa tad-deheb u erga ghamilhom fis-safe deposit box. Jien ghamilt ahjar minn hekk, hadt photocopy u tajtha lil kull wiehed u wahda minnhom biex jekk allahares qatt tigi nieqsa u mmur ingibu mis-safe jien ma nistax naqbad il-karta inqattaghha u nghidilhom ha dak id-deheb, hekk kellhom stampa cara ta' x'kien hemm deheb imnizzel ta' ommi.*' Id-deheb ghamlitu gos-safe deposit box il-bank. Hi qaltilha biex tiehdu l-bank, ma qaltiliex thallih hemm jew li ha zzommu hi. Ftit tal-gimghat wara fil-bidu ta' Marzu staqsiet lill Avukat taghhom dak iz-zmien ghax kien jiehu hsieb kawza dwar li l-Gvern kien hadilha xi dar lil ommha u kienet inqaghtet favuriha u kellu jaghtiha xi erbghin elf (40,000) u hi kienet bi hsiebha li dak il-flus li ser jaghtihom kienet taghtihom dawk il-hamest'elef (5000) li qalet li ser tatihom. L-imputata cemplet lill Avukat u qalilha li kien hemm bzonn xi ricerki ohra u huha Joe Mifsud kien qalilha li hemm Nutar joqghod hdejha u li ha jghid lilu.

Spjegat li kien hemm xi flus li kellu l-pa li mbaghad ttrasferixxew fuq ommu, spjegat li '*qaltli ara kemm hemm qaltli halli naghtihom dawk lil hutek, qaltli u mur gibli dawk il-five thousand li poggejt l-HSBC qalti halli nerga naghtihom lil Martin. Xi jumejn wara kkonfermajtilha li tal-pa kien hemm xi 26 thousand, qalti hemm ghal five thousand kull wiehed? Qaltli ghal hamest ahwa, ghidtilha iva ux hemm, qaltli mela gibhomli, qalti u naghtihom dawk*'. Ghalkemm qeghdin tmienja ahwa, ohtha Vicky diga hadithom li giet mill-Amerika, tnejn minnhom li kellha bid-dejn maghha ma kinitx ha tatihomlom biex jitnaqqsu mid-dejn. Xehdet li qaltilha li t-Tnejn ghandha appuntament l-isptar izda ommha qaltilha li diga ftehmet ma Lily li ha tehodha hi. Spjegat '*hija qalli jien tiela' l-Belt it-Tnejn jekk trid titla' mieghi u ghidtlu orrajt. L-ghada s-Sibt l-14 ta' Marzu hlistilha mill-HSBC dawk il-five thousand u hallejt, kien fih five thousand two hundred and 24, it-224 ovvjament hallejthom hemm, hrigtilha l-five thousand u tajthomlha, fis-16th March tlajt il-Belt u mort ic-Central Bank u kif kien wassalni hija ghidtlu mela issa ejja mieghi, ghidtlu imbaghad immur b'tal-linja u morna c-Central bank biex nghidulhom li ommi trid tbiegh dawk l-istocks and bonds li kellha u bqajt sejra ghax-xoghol. Filghaxija qaltli gibthomli? Ghidtilha dawk mhux bhal bank normali ma, ma tistax taqbad tmur u tohroghom mill-ewwel, ghidtilha dawk issa jbieghuhom imbaghad jinfurmawna imbaghad nista' nohroghom, jitrasferrixu ruhhom fuq kont taghha imbaghad inkun nista' nohroghom, hekk gara jigifieri xi tlett ijiem wara ircevejna l-ewwel pagament ta' 21, 229.90, ghidtilha issa mmurlek is-Sibt u s-Sibt kont immur biss kont immur naqra l-hanut*

*kemm nghinu jiftah lir-ragel l-cafetteria li kellna u mbaghad kont immur innaddaf, flok mort innaddaf mort il-bank.*'

Spjegat li kif niezla regghet iltaqghet ma huha Joe Mifsud li kien hiereg minghand tal-forn u qaltlu biex jimxi maghha ghax qisha bdiet tiddejjaq b'dawk il-flus kollha u gie maghha. Tghid li '*Kif hrigna mill-bank cempilt lir-ragel u ghidtlu jien ser nibqa*' *sejra d-dar, ghidtlu miniex sejra, qalli iva jien daqt nigi wkoll, daqt naghlaq u morna d-dar jien u hija u tajnihomlha dawn il-flus. L-ghada skantajt naqra ghax wara erbgha xhur minghajr ma qaltli, ma kelliex ghalfejn tghidli imma kieku kienet tghidli meta ha tohrog, kienet diga qed tara t-television filghodu u qaltli sejra l-ghalqa, u ghidtilha orrajt, kienet ilha ma tmur l-ghalqa mill-ahhar ta' Novembru minn qabel ma nqalghet il-kwistjoni tal-idea li jgibu l-Vicky mil-Amerika u nsomma u marret. Il-hamis ta' wara 24$^{th}$ March gibtilha four thousand two thirty six u 30 cents u tajthomlha u ghidtilha issa fadal xi haga ohra, ghidtilha fadal jidhlu xi 800 xi haga, qaltli ghandna ghal 25 thousand, ghidtilha iva mela qaltli mela dawk hallihom hemm dawk l-800, ghidtilha orrajt inhalluhom hemm. Xtaqt nghid ukoll li wara din il-kwistjoni ta' ohti Vicky huti bdew gejjin fejn kienu jigu darba fil-gimgha kulhadd gieli anke inqas, kienu qed jigu regolari u kienu joqghodu jgibulha l-ikel, 4 t'ijiem shah, jien kont insajjar xorta ghax kelli r-ragel u kelli lilha u dik il-gimgha ma resaq hadd lejn id-dar sakemm fit-8 ta' April ircevejt ittra rregistrata mill-Qorti li ommi keccietni mid-dar u rrid nitlaq mid-dar fi zmien hmistax..*' Spjegat li '*Hija qalli li llum l-ahhar li hadt hsieb ommna mil-lum il-hemm minn issa ahna ha niehdu hsiebha, qalli ha norqdu hawn lejl u nhar ikun hawn xi hadd anke bil-lejl u ghidtilhom tistghu toqghodu anke fuq jekk tridu, qalli le noqghodu hawn fis-salott, qalli inti just tippakkja u itlaq il-barra fi zmien hmistax, jien ma kellimtu xejn u tlaqt il-fuq.*' Spjegat li huha Martin '*Beda*' *jheddidni biex la nersaq lejn ommi, la nkellimha, qalli dik l-ittra hudha bis-serjeta' ghax fit-21$^{st}$ tohrog minn hawn gew u l-ghada ma tidholx ghax inbiddlu s-serratura. Jien ovvjamanet ma tlaqtx, l-ewwelnett ma kelliex cans niehu dawk il-hwejjeg kollha tieghi u ta' zewgi, kont ilni nghix hemm hamsin sena, iktar minn 50 sena, kwazi 53, u inti ghidtli ibqa' soda ghax ma jistghux jaghmlulek hekk, filfatt vera ma ghamluliex hekk imma ghamluli l-hajja vera difficli, fuq hdejn il-kamra tieghi, hdejn il-kamra tas-sodda ghax ahna kellna kamra tas-sodda u kamra tal-banju kollox ghalina, kien hemm bitha kien fiha washing machine, cooker u fridge, fl-1 ta' Mejju tlajt u ma nsibuhomx dawn, kull ma nsib mal-art l-affarijiet li kelli fil-fridge, haduhomli wkoll, ohti Silvana kienet qed tigi l-hanut, tigi ghall-hwejjeg mahmugin toqghod tahsilhomli u terga ggibomli ghax ma kelliex fejn nahsel il-hwejjeg, kif raw li ma tlaqtx hamest ijiem wara hija qatali d-dawl, skonnettjali l-geezer ukoll, ghamilt rapporti, nista' nghidilkom li kien hemm 19 il-*

*rapport l-ghassa*'. Fl-ghaxra (10) ta' Mejju, f'jum l-omm kienet rieqda maghha ohtha Carmen Mallia, sabitha hierga mill-bieb '*u qaltli tajjeb hekk hierga u qabel il-hamsa tigix lil hawn ghax il-bieb ha naghlquh bil-katnazz u bil-katina, ghidtilha ma tistax, ghiditlha jien fejn tridni mmur, qaltli ara fejn sejra ghax hekk ser jaghlquh, morna l-ghassa u ovvjament qabel ma jsir ir-reat ma nistghu naghmlu xejn, mhux ser noqghod nidhol f'dik, f'dakinhar ghax graw hafna affarijiet dakinhar, li nista' nghid li morna fis-siegha kienu ghadhom hemm u ovvjament dhalt, riedu jsakkru lili gewwa u lir-ragel barra imma lahaq gie r-ragel, l-istess kien hemm il-glied, it-tifel t'ohti, dakinhar hirgna ahna, kif morna siegha wara l-bieb kien maghluq bil-katnazz u l-katina, morna naghmlu rapport, min kien hemm prezenti s-Surgent cemplilhom qalulu ahna ma ahniex id-dar, qalli ddispjacini ma nista' naghmillek xejn sakemm jigu lura d-dar, ghidtlu jien x'ser naghmel? Qalli issa ara inti.*' Imbaghad fethu kawza li nqatghet hmistax ilu favur l-appellanta.

Dwar id-deheb qalet li '*Ovvjament meta keccewni, jiena insejtu dan id-deheb u nimmagina li anke ommi ghax nahseb kieku, li kieku kienet l-idea taghha li tkeccini mi-dar, kienet titlobuli u kont ingibulha ghax dak taghha, kont naghtihulha.*' Sakemm tkecciet ma talbitulix u wara li tkecciet f'Lulju irceviet telefonata mill-ghassa qalilha li hemm ommha '*qalli naf li ma nistghux naghmlu xejn imma qalli just qed nghidlek, hi qed tghid li ghandna id-deheb fis-safe deposit box tieghek u qalli qed titlobulek lura, ghidtlu iva naf, jien ukoll hallejt id-deheb tieghi go dari meta keccewni, mhux id-deheb biss, hallejt hwejjgi, hallejt hajti kollha hemmekk, kollox kelli hemm, jien keccewni ta' fuqi senduqi, kollox, ghidtlu meta ngib dawk l-affarijiet kollha lura inkluz id-deheb li hallejt id-dar tieghi u ta' zewgi, nirritornah, jien qatt ma ghidt li sraqtu, fis-safety deposit box kien.*' Id-deheb ghadu fejn kien, issigilatu u tghid li '*f'Lulju li ghadda l-ahhar li kont hawn, l-avukat tieghi kien kellem lill-avukata taghhom u jien issuggerejt li kif niehu l-kumplament tal-affarijiet ghax ghad fadalli hafna affarijiet hemm, kull ma hadt il-hwejjeg, lesta li nirritornah jien, imma ma tawna l-ebda risposta jigifieri minn Lulju lil hawn.*' F'Awissu baghtu ghaliha d-depot, u baqghet ixxukjata bl-affarijiet li bdew jghidulha li wara tlett xhur li tkecciet li serqet il-flus, barra li serqet id-deheb li ma kien minnu xejn. Il-flus li talbitha ommha, harget hi taghtholha. Mistoqsija mill-Qorti x'qed izommha milli tirritornahom wiegbet '*Ghax jiena ghandi l-affarijiet.*' Tikkonferma li ma tridx taghtihomlhom ghax ghandha l-hwejjeg id-dar. Saret taf li kienu ghamlu rapport li serqet il-flus fil-25 ta' Lulju dakinhar li ghalaq il-fixed account ta' ommha, dak in-nhar stess li ghalaq, tghid li fix-xhieda li tat ir-rapprezentanta tal-BOV, '*Joanne Bartolo barra savings account li semmiet li hrigt il-flus minnhom jien li talbitni ommi, staqsewha jekk kienx*

*hemm accounts ohra u qaltilhom li le. Dan l-account ghandi l-kopja tieghu jien ghalaq f'Lulju tat-2015 fit-25th July dakinhar li maru jaghmlu r-rapport, ma nafx ghalfejn zammew tlett xhur u hemm tant dakinhar, issa jekk harguhom biex juru li jien sraqt kollox ghax f'awwissu kellna laqgha mal-avukata u la ommi ma dehret, lanqas il-prokurattrici ma dehret u hija qalli kull ma hallejtilha two thousand, ghidtlu mhux vera, ghidtlu fis-savings accounts kellna 12 thousand, fil-fixed account kellha 14 thousand u imbierek Alla dak qalet ir-rapprezentanta tal-BOV ma kienx hemm iktar kontijiet, dak ghandi xi nghid.''* Tghid li hamest ijiem ilu irceviet telefonata mil-ghassa li ser jiprocedu bil-Qorti kontra ommha Maria Mifsud u Lilian Fenech fuq firma falza u dokument falz ghax sena u nofs ilu rrapurtat li sar transfer tad-dawl u l-ilma minn fuqi ghal fuq ommi li jiena ma ffirmajtx ghalih u qaluli li ser jipprocedu bil-Qorti fuq hekk. Tghid li mill-vittma spiccat l-akkuzata.

In kontro-ezami mistoqsija dwar il-biljett li qalet li ma kienx maqtuh li wara qalulha li rohos, qalet li skont il-messagg li bghatitilhom ohtha, il-biljett kien tmint'elef (8000) ta' tlett min-nies, gejja fit-24 ta' Dicembru ghal gimghatejn u timmagina kien fadal inqas minn tlett gimghat, timmagina ghalhekk li kien maqtuh. Mistoqsi dwar jekk ommha xtaqet li ggib lil Vicky ghax bdiet tibza li mhux se terga taraha ghax toqghod il-boghod qalet '*Le mhux hekk, ommi qatt ma kienet taf, jien kont ghiditlhom anzi, misshom hargu bl-idea quddiem ommi mhux wara dar ommi imbaghad lili talbuni nghidilha biex ittina l-flus*'. Qalet li '*Just ha nghid li qalet f'affidavit minnhom li ssuggerewlha li ggib lil Vicky u ohti Lilian ammettiet li ehe hi Martin, Gina u Carmen ftehmu li jgibu lil Vicky bi flus tal-mummy.*' Tghid li huma qablu li jgibu lil Vicky bil-flus ta' ommha. Cahdet li ma qablux u li ghalhekk inqala l-glied. Tghid li l-omm offriet li l-istess li taghti lil Vicky taghti lil kulhadd. Cahdet li ommha bdiet tghidlhom ilsiera go darha, lilha, lil Alex, lil Joe u lil Silva. Ma tafx li Joe mar jghid lil ommha li la joqghodu Alex u Aloisia huma biss ghandhom ikollhom ic-cavetta. Mistoqsija jekk minn Jannar 2015 ommha ma baqghetx tafdaha iktar, wiegbet li ma tahsibx ghax fi Frar '*gibtilha d-deheb u regghet tatuli lura biex immur inpoggih fis-safe.*' Imbaghad ma talbituliex lura. Lanqas tramite l-Avukat qabel ma gie intavolat ir-rapport ma kienet talbitulha. Tghid li wara li keccewha.

Il-Qorti f'din ix-xhieda ikkumentat '*Xi haga li qed tghid int stess li mhux tieghek*' u wiegbet '*Ghax jien ghandi l-affarijiet tieghi*'. Il-Qorti kkummentat li '*Iva imma Sinjura, orrajt, jigifieri qed tammetti minn fuq dik il-pedana tax-xhieda li d-deheb ghadu ghandek u minkejja li l-mama talbitulek ma tridx tatihulha lura.*' u wiegbet '*Ghax jien tlabtha l-affarijiet*

*tieghi u ma stajtx nehodhom'*. Fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfjen u hmistax (2015) dahlu d-dar ghal ftit underwear u kalzetti, id-deheb nesietu dakinhar. Il-Qorti kkumentat '*Imma f'dawn il-proceduri ftakart fih*' wiegbet '*Iva wara cempluli iva wara iva*'.

Ikkonfermat li l-omm kienet se taghti hamest'elef (50000 kull wiehed imbaghad ma kienx hemm qbil u gie Martin u taha l-hamest'elef (5000) lil ommha u ghalhekk li kienet harget ghal Vicky rega' tahom lill ommha, jigifieri l-pasagg ta' Vicky hallsu Martin. Il-hamest'elef dahlithom l-HSBC ghax talbitha ommha. Dwar il-bonds tghid li ommha qaltilha biex tbieghom. Mhux vera li bilkemm kienu jtikellmu dak iz-zmien. Tghid li lanqas meta keccietha ma qaltilha xejn. Dwar meta irceviet l-ittra ghand-nom ta ommha biex tizgombra qalet li kif marret id-dar filghaxija ma fehtitx halqha, hutha tkellmu ghaliha. Joe ma kienx jersaq lejn id-dar, ma kellux caveta, kien jigi jcempel, jekk tisimghu tiftah u jekk ma tisimghux ma tiftahlux. Qatt ma qaltila li mhux tafdaha. Sa Marzu kellha relazzjoni tajba ma ommha umbghad f'Marzu tal-elfejn u hmistax (2015) gabitilha l-flus li talbietha biex tqassamhomlom. Mistoqsija dwar li ommha kienet sorpriza meta gibdet il-flus u sabithom neqsin wiegbet '*Heq nghid li mhux vera, kieku ma gbithomliex jiena. Jiena kieku ha mmur, jien mhux ovvja li jien ha nidher li mort bil-prokura ta' ommi biex nigbed dawk il-flus li talbitni, mhux jien ser nidher, meta gbidthom mill-BOV biex naghtihomlha cash mhux jien ser nidher, mhux ovvja.*'

Mistoqsija:

'*Dr. A. Camilleri: Mela ha nibdew pass pass, fil-bidu ghidt inti li l-hamest t'elef ta' Vicky tahomlha lura Martin, naqblu sa hemm?*

*A. Mifsud Grech: Iva din diga ghidniha ezatt*

*Dr. A. Camilleri: Allura ma kellhiex ghalfejn il-mama taghtikom lura hamest t'elef ux hekk?*

*A. Mifsud Grech: Ezatt*

*Dr. A. Camilleri: Spjegali ghalfejn issa qed tghid li dawk il-flus hrightom ghax il-mama riedet taghtikom hames t'elef kull wiehed?*

*A. Mifsud Grech: Ghalhekk l-ewwel talbitni l-five thousand li qalti biex immur inpoggi xahar u nofs ilu l-HSBC biex nohroghom u terga' taghtihom lura lil Martin ghax dawk tieghu, ghax gie li harighom hu ezatt il-flus imma hi peress li fil-5 ta' Jannar qaltilhom ha naghtikom xorta five thousand kull wiehed, riedet five thousand kull wiehed biex taghtihomlom.*'

Spjegat li '*Gbidtilha dawk il-five thousand tal-HSBC ta' Martin, fit-21st March gbidtilha 21 thousand 229.20c u ftit minnhm inbieghu il-gimgha ta' wara, four thoousand 236.30, kien fadal 800 minn dawn il-bonds u shares u qallti, ghidtilha issa dawk ingibuhom aktar tard ghax ghandhom ma hargux ma nbieghux, filfatt wara indunajna li nbieghu f' daqqa.*'

Tikkonferma li hadithom kollha ghand ommha. Mistoqsija x'ghamlet bihom, wiegbet li qalet li ser tqassamomlhom. L-ahhar li rathom f'idejn ommha u dak iz-zmien kienet toqghod maghha. Ma taqbilx li qatt ma taghta l-flus u li ma kinitx taf li gibdithom, tghid li kien hemm huha Joe xhud, kemm meta qaltilha beix tigbidhom u kemm meta tathomla, il-21 elf mhux l-erbat'elef, it-21 thousand 229.30c. Ir-ragel taghha kien hemm ukoll imma ma kienx fl-istess kamra maghhom, kien fil-kamra l-ohra. Tikkonferma li huha Joe kien prezenti meta qed jaraha tatihomla. Mistoqsija fejn ghamlithom tghid '*Tajnihomlha ux, ghiditlha hu hsieb ara fejn ha taghmilhom, jien l-ghada*'.

Mistoqsija dwar li hi kienet tghix maghha u ma kintix taf fejn izommhom il-flus taghha qalet '*Le ma nafx, nahlef fuq l-ghaziz missieri li ma kontx naf fejn, missieri kien jahbi l-flus id-dar ukoll, hi hadet ghax jien ma nafx ghalfejn kienet izzomm dan il-flus kollha anke tal-garaxxijiet, ommi kellha ghaxar garaxxijiet x'tikri, ghaxar garaxxijiet tikri kull sena, il-flus kollha taghhom kienet thallihom id-dar*.'

Qabel Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) hi biss kienet tkun ma ommha. Mhux veru li minn Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) hi kienet tkun gurnata shiha barra u lanqas li kien dejjem ikun hemm xi hadd minnhom jew Lilian, jew Georgina jew Carmen jew Martin mal-omm. Hi biss kienet toqghod hemm. Bdew jigu aktar ta' spiss, igibulha l-ikel, lanqas ommha ma kienet taf ghala qed igibu dan l-ikel kollu. Kien mindu keccewa li bdiet titpogga c-cavetta minn gewwa s-serratura mhux minn Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Tghid li c-cavetta bdiet issir f'April meta keccewha mid-dar.

L-appellanta prezentat sentenza fl-ismijiet **'<u>Alexander Grech u martu Aloisia sive Louise Mifsud grech vs Lilian Fenech, Martin Mifsud, Carmen Mannino, Giorgina Borg u Mary Mifsud</u>**' deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-tletin (30) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tmintax (2018)[4] fejn il-Qorti kienet sabet li l-intimati f'dik il-kawza

[4] Rikors Guramentat numru: 431/2015/LSO

kienu kkommettew spoll vjolenti fil-konfront tal-atturi. L-Avukat tal-parti leza matul ix-xhieda tal-appellanta iddikjarat li ser jigi intavolat appell minn dik is-sentenza.

Xehed hu l-appellanta, Joseph Mifsud in difeza fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019). Spjega li ohtu qaltlu li qed jixluhom li hadu l-flus, jghid li '*filfatt ommi kienet baghtitna ghall-flus, dak li naf jiena.*' Baghtithom biex jigbdulha l-flus. Jghid li kien hemm il-glied bejn l-ahwa, kienu hadulha xi flus lil ommu diga minn gol-kexxun jew tatomlhom hafna tahwid. Tal-bidu kienet tathom xi flus, talbuha xi flus hutha u tathomlhom. Qal li giet Lilian, qaltlu li dik is-sena mhux ser jiehdu rigali minghand ommha ghax ha ggib lil wahda minn hutu mill-Amerka, z-zghira u qalilha orrajt, imbghad id-diskors ma kienx ezatt kif qaltlu hi, imbghad sabitu ohtu Louise l-imputata '*qaltli l-affarijiet mhux hekk Joe, qaltli l-affarijiet qed igeghlu lil ommi biex tohrog xi hamest elef, minghalija xi haga hekk kienu biex iggib iz-zghira, l-ohti z-zghira mill-Amerika, qaltli u dawk trid tohrog izjed milli kienet tohrog ommi ghar-rigali, ommi kienet taghtina mija kull wiehed*' u kienet taghti la jaf hamsin (50) lanqas jaf mija (100) lit-tfal ukoll. Sar jaf li qed igeghluha tatihom xi hamest'elef (5000), is-somma kienet izjed imbaghad nizlet hamest' elef (5000), wara dan kollu baqghu bla rigali huma, hu kien jitla jara lil ommu kuljum id-dar taghha Birkirkara, kienet tkun fis-sodda u joqghodu jghidu kelma. Kien imur xi l-hamsa ta' filghaxija, l-erbgha u nofs. Xehed '*Li ghandu x'jaqsam mal-bicca xoghol tal-flus, gara li kien hemm hafna dizgwit, darba minnhom iltqajna d-dar ghax ghidtilhom biex niltaqghu d-dar ha naraw, ghidt lil ohti, ghidtilha irrid naghmlu laqgha d-dar ha naraw kif ommi qed tghid li li qeghda arrestata go darha jien u jitnaqqsulha l-affarijiet, ma tistax ticcaqlaq minn hawn, ghidtilha rrid laqgha d-dar u nitkellmu minn hemm u iltqajna kollha. Xliethom li hadulha l-flus u tathom,*'

Spjega li xliet lil hutu l-ohra, lil Martin, lil Lilian, dawk li kienu li ha jgibu lil ohtu mill-Amerka, jghid li '*ommi ma kienetx kuntenta li hadulha l-flus jew ejja nghidu hekk tathomlhom kontra qalba ghax ommi hin minnhom tghidli haduhomli u hin minnhom bdiet tghidli li tathomlhom.*' X'hin iltaqghu d-dar kien hemm hafna argumenti u anke glied, Martin wiehed mill-ahwa mar igibom dak il-hin fid-disgha ta' filghaxija, qalilha '*ha issa nohroghom jien.*' Xehed li '*Meta tahomla ma kont hemm jien, tlajt l-ghada filghodu, qatt ma tlajt filghodu, ghidtilha x'gara ma? Gabhom? Qaltli iva, ha ghoddhomli, ara gabliex sewwa u kien hemm sewwa?*' Kien hemm hamest'elef (5000), baqa jitla' kuljum filghaxija, meta mar filghodu dakinhar qaltlu li qieghda arrestata go darha, ma tista' tafda xejn ghax kien

hemm xi tfal qed jiehdulha xi flus, wiehed jaghjtilha minn gol-kcina u l-iehor imur fil-kamra tas-sodda iqelbilha, kif qalet hi dejjem. Dawn huma t-tfal ta' Lilian li rabbiet Lilian. Ma ghamilx rapport dwar dan. Qal lil Sylvana, lil Louise qaltlu iva li xebghet tghidilha. Jghid li gabuha cippitatu lil ommu, li daqqa tghid hekk u daqqa tghid hekk.

Spjega li kien qalilha '*ma, ghiditlha ghax int qed jigi suspett li qed jinsterqu l-flus u qed igalghuha jgibu l-flus, qaltli le dawk hemm ghadhom Joe il-flus li kellu missierek tas-shares, ghax dawn nghidulhom tas-sahres ahna. Qaltli rrid ingibhom, ghidtilha x'ser taghmel bihom ma biex iggibhom, ghidtilha x'ser taghmel bihom, x'ser taghmel, qaltli nonfoqhom insifirihom, qaltli u li jibqa' inqassamhomkom. Ma hadtx penny jiena ghadni minnhom dawk.*'

Waqt din il-konversazzjoni, hin minnhom kien wahdu u hin minnhom dahlet Louise. Spjega li '*Imbaghad jien ghidtilha ma, qaltli rrid ingibhom Joe, qaltli rrid ingibhom, qaltli diga ghidtilha lil ohtok li rrid ingibhom,*' Kemm lil Louise u anke lil Sylvana qalet. Mistoqsi x'ammont li riedet iggibhom lura qal '*Jien meta mort ma' Sylvana ghax imbaghad riedet iggibhom bilfors u Louise qaltli ejja mieghi, qaltli ejja mieghi, qaltli mhux ser ingib, xi erbghin elf kienu, lanqas naf kemm kienu.*' Kellha ggibhom mill-banek, jghid li '*Il-Belt mort il-bank maghha jien.*' Mistoqsi '*Jekk ma riditx tatihomkom, x'kienet ser taghmel bihom, tehodhom mill-bank?*' wiegbet '*Jien dik li bdejt nghidilha lil ommi, x'ser taghmel bihom ma, x'ser taghmel bihom ma?*' Mistoqsi tawhomliex qal '*Mela tajnihomlha, imbaghad gbarnihom, mort ma' wahda minn huti jiena,*' ma Louise jigifieri mar mal-imputata. Qal '*Mela bqajt sejjer id-dar maghha u tajnihomlha, ghiditlha dawn x'ser taghmel bihom, qaltli tindahhalliex.*'[5] Mar maghha ghax kien hemm ammont kbir, qaltlu li mhux ser tmur wahedha. Il-Bank l-Belt jghid li l-bank il-Belt jidhirlu li marru, minghalih ta' Strada Rjali fejn hemm il-kazin tal-Labour. Id-deheb kienu fethuh fuq il-medja, minghalih kulhadd kien hemm barra wahda li qeghda l-Amerka, kitbuh fuq karta u tatu kopja. Qal li '*Ommi qalet lil Louise, qaltilha erga hudu f'postu, minghalija kien go bank, go kaxxa l-bank.*' Ma jafx x'aktar sar minnu.

In kontro-ezami ikkonferma li qabel is-sena elfejn u hmistax (2015) kien bix-xoghol kien jahdem erbgha u ghoxrin (24) siegha, jahdem ix-xatt u ma kienx imur ta' spiss id-dar ta' ommu imma mbaghad irtira. Irtira fl-elfejn u ghaxra (2010) xi haga hekk. Dwar is-sena elfejn u erbatax (2014) mistoqsi jekk jaqbilx li ma kienx jersaq lejn id-dar ta'

[5] Fit-traskrizzjoni tax-xhieda tnizzel li dan intqal minn Dr.A. Camilleri izda din il-Qorti qieghda tifhem li dan kien lapsus, u kien l-imputat li qal dan il-kliem u mhux Dr. A. Camilleri.

ommu, jghid li mhux ma kienx imur, kien imur inqas spiss, '*imma mbaghad intefghet qisha f'sodda ommi, ma tantx qed tqum sirt naf li ghandha l-inkwiet u bdejt immur kuljum.*' Mis-sena elfejn u tnax (2012) beda jmur kuljum bejn wiehed u iehor. Ma kellux cavetta tad-dar ta' ommu. Qatt ma ried cavetta. Cahad li missieru qatt ma fdah. Minghalih li f'Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) kien bejn wiehed u iehor meta ommu baghtithom biex jigbdu xi flus. Ommu kienet taghtu cavetta biex ma joqghodx ihabbat u jekk tkun fis-sodda ma tohrogx, x'hin inqala l-inkwiet rega taghha c-cavetta lura, taghha lil Louise propja ghax ma jridx jersaq lil hemm izjed ghax kien bil-bail ta' xi haga ohra u ma ried inkwiet biex jitfghuh l-habs ghax jghid li hekk ppruvaw. Minn dak in-nhar tac-cavetti sal-lum ma regax resaq lejn id-dar. Ikkonferma li kien fi Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015), xi haga hekk. Hu ma jiftakarx lil ommu tghid lil Louise biex tatiha l-prokura lura. Ma jafx li Louise qalet lil ommha li ma ghandhiex flus bizzejjed il-bank biex igibu lil ohtha z-zghira Vicky Malta u l-omm haditha bi kbira. Ma jafux dan.

In ri-ezami qal li c-cavetta mhux fi Frar tahilha lura, lil Louise taghha c-cavetta. Mistoqsi meta mar ma' Louise iggib il-flus, jekk kellu cavetta fuqu dak iz-zmien qal le. Ikkonferma li kien diga tahilha.

Xehdet ukoll Sylvana Pace, oht l-imputata fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) li spjegat li kienu iltaqghu ghal laqgha fid-dar taghhom hutha kollha fid-dar ta' ommha u kienet fuq il-flus meta riedu jgibu lil ohtha Vicky mill-Amerka. Kienu diga tkelmu l-Hadd l-ghalqa Martin, Gina, Lilian u Carmen u huma ma kienu jafu xejn. Hi kienet mar-ragel. Imbghad hi, r-ragel u t-tifel marru d-dar wara li telqu Louise, r-ragel taghha u ommha u ma jafux fuq xiex tkelmu. L-ghada ohtha Carmen ghax tahdem maghha giet u qaltilha li ha jgibu lil Vicky mill-Amerka, qaltilha bil-flus tal-omm izda biex ma jghidulhiex ghax sorpriza, '*ghidtilha jekk bil-flus tal-mummy, kif sorpriza, insomma niftakar bghatitilna messagg ohti Lilian u qaltilna l-press ha jigi tmint elef, mentri r-ragel kien diga ccekja fuq l-internet u qalli li mhux aktar minn hamest elef, insomma, wara xi jumejn marru jaqtghu it-ticket u nizel hamest elef*'. Umbghad ghamlu din il-laqgha, kienet cemplet Louise jew baghtitlhom messagg u qalitlhom li ommhom riedet tlaqqahom id-dar huta kollha ha tkellimhom u l-laqgha kienet li l-flus li ha tohrog ghal ohta Vicky ha tatihomlhom wiehed wiehed qalet. Ha tqassam, daqs kemm harget ghal Vicky ha tohrog ghalihom, hamest'elef kull wiehed mentri tghid li ghadhom ma hadu xejn. Mistoqsija jekk baghtet lil xi hadd igibhom wiegbet le mbghad

huha Martin qal '*ha mmur, ha ngibhom jien il-flus u naf li mar u gie u qalilna dawn il-flus mentri xi hadd qabez,*'. Mhux kulhadd qabel li taghtihom daqs kemm jigi ghal ta' Vicky, tikkonferma li l-omm ma baghtet lil hadd iggibhom mill-bank.

Spjegat li '*mhux kulhadd qabel ghax hija Martin, Lilian, Gina u Carmen riedu li dawk kienu la ha ggibhom ghal Vicky ma ghandiex ghalfejn taghtina, imma niftakar qabez hija Joe u qalilhom jekk intom ma ghandkomx bzonnhom, jien ghandi bzonnhom u huti l-ohra, jigifieri jien, fil-kaz tieghi u fil-kaz ta' Louise ghax ahna t-tlieta ma qbilniex maghhom.*' Ma qablux li l-flus ma tatihomlhomx, tghid li '*huma ma riduhomx.*' Huma kienu lesti li jiehduhom izda ommhom riedet taghti lil kulhadd l-istess. Lilhom qatt ma tathomlom xorta. F'din il-laqgha dwar il-flus, Vicky kienet hemm prezenti, hekk minghaliha. Spjegat ukoll li '*meta giet ohti Carmen u qaltli dawn l-affarijiet li ha jgibu l-Vicky, niftakar meta mort id-dar wara x-xoghol, iccempilli ommi fuq it-telefon u qaltli ftehmtu kollox minn wara dari, ghidtilha ma, ghiditlha jien tlaqt wara li tlaqtu intom, ommi, Louise u Alex.*' Alex ir-ragel ta' Louise. Qalet lil ommha li Carmen qaltilha dalghodu. Qalet li '*naf li webbluha, qaltli u taf x'naf li jien mhux tifla wahda ghandi, ghandi tmienja, hekk bqajna jigifieri.*' Tghid li Martin mar igib il-flus mill-ghalqa zgur, hu qal li gab hamest'elef izda huma ma ghadux jghodduhom. Inqala l-inkwiet ghax dawk hutha l-ohrajn ma riedux il-hamest'elef. Vicky hadithom, Carmen, Gina, Martin u Lilian ma riduhomx il-flus, Joe qal li '*jekk intkom ma triduhomx*', '*Jien irridhom*'. Izda qatt ma hadu xejn.

Spjegat li darba ommha qaltilha '*ingib il-flus kollha li ghandi nonfoqghom u nqassamhom lil min irrid jien, qaltli u mmur nonfoqhom, ghidtilha sewwa taghmel ma.*'

Id-deheb taf li gabuhom izda ma kintix prezenti izda ohtha Louise tathom karta x'kien hemm u x'ma kienx hemm. Ma tafx fejnu d-deheb illum u lanqas taf ghand min qieghed. Ma tafx hadithomx ommhom. Hi qatt ma kellha prokura, kienet tkun xoghol. Wara l-glieda kienet tmur tara lil ommha darba f'gimgha gieli darbtejn, illum il-gurnata minn sentejn lil hawn kienet tmur thabbat fis-saghtejn u jkun hemm ohtha Gina u tigi titfi l-qanpiena u meta marret u sabet lil Lilian, Lilian gieli fethitilha. Ilum il-gurnata lanqas ghada taraha lil ommha, ma tistax taraha ghax jekk tmur ma jifthuliex. Izda tixtieq taraha.

In kontro-ezami qalet li mhux mal-omm ma kienux qed jaqblu li jgibu lil Vicky. Ma tiftakarx li l-omm qalet li flusha u ma tistax taghmel li trid bihom dakinhar. Sa fejn taf

hi qalet li iggib u taghti hamest'elef (5000) kull wiehed. Qalet li l-hamest'elef (5000) ha ggibhom '*kella xi kawza, rebhet xi ta xi dar, qalet u meta nehodhom inqassmilkom hamest elef*' Tikkonfrma li ghandi jkun xi flus minn kawza tal-lands, li kellha l-Laqxija. Taf li Martin gab hamest'elef (5000), izda tghid '*Imma mbaghad il-mummy hargithom ta*', *zgur.*' Qalet '*ghax ohti Louise giet tghidli li l-mummy tathomlu l-hamest elef.*' Tathom lil Martin. Spjegat li '*Peress li ma kienx hemm zmien li jmorru jaqtghu it-ticket, marru Lilian u Martin u Martin hallas il-passagg dakinhar, fhimt, imma mbaghad il-mummy niftakar li Louise qaltli li tathomlu lil Martin.*' Louise qalet li tathomlu. Dwar jekk ohtha kienet tghidilhom kollox dak li taghmel bil-prokura, qalet '*Ifhem meta kienet tghidilha l-mummy, per ezempju jekk iggibli xi haga l hemm jew iddahhal*', spjegat '*Minn dak li naf jien, jien qatt ma kont maghha ovvja, u l-mummy qatt ma marret il-bank ghax peress li Louise kellha l-prokura hi kienet tiehu hsieb u kulhadd safejn naf jien kien jafhdaha li Louise u kien jahlef fuqha wkoll.*' Qalet li mhux vera li meta ommha kienet ser iggib lil Vicky, Louise qalet li ma ghandiex flus bizzejjed il-bank. L-omm qatt ma qaltilha li kellha suspetti f'Louise. Dwar l-uzu li ghamlet Louise bil-prokura u bil-cashlink tghid li ma kinitx tkun maghha, sa fejn taf hi kulhadd kien jafdaha lil Louise anke meta missierha kien haj.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanta giet misjuba hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u cioe' ta' approprjazzjoni in debita.

L-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu:

'*293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*

*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294.Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Enrico Petroni u Edwin Petroni'**[6] dwar l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie meqjus li:

*"Dana ir-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa ohra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddiehor."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'The Police (Inspector Sylvana Briffa) vs. Keith Arthur Mayho'**[7] gie meqjus li:

'*That, as regards the present case, if reference is made to the three elements mentioned in the judgment above- referred to, **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni**, whereas from the evidence brought forward it can safely be said that the first two elements have been satisfied, the same cannot be said as regards the third element. The proof that the accused has converted to his benefit or to the benefit of any other person is surely lacking. It should also be noted that no proof whatsoever was brought forward as to what actually happened to the freezer in question and who actually removed it, which the accused says was removed by someone when he was abroad on a holiday and who had removed the freezer without him knowing. As regards the fact that there was a time when the accused used to use the freezer to store some ice cubes in it, when he was not permitted to do so, not even this can be considered as misappropriation.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet '**The Police (Inspector Angelo Gafa') Vs Artur Arakelyan, 43 years, son of Robert and Elmira nee' Vardanyan, born in Yerevan, Armenia, on the 11th February 1970, residing at 72/2, Duke Apartments, Victor Denaro Street, Msida, and holder of Maltese ID card number 18658A and Almerian passport number AG0644567 issued in Armenia on the 2nd February 2006'** [8] gie kkunsidrat li:

'*In a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo) it was decided:*

***"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:***

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998

[7] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-4 ta' Frar, 2013 (Numru: 143/2012)

[8] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Lulju, 2013 (Numru: 77/2019)

***1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal- proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.***

***2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.***

***3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;***

***4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;***

***5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"*** *(The Police vs Marbeck Cremona – 15/02/2007)*

*Also in another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction, the Court listed the legal elements which constitute the crime of misappropriation (The Police vs Enrico Petroni and Edwin Petroni – 09/06/1998).*

***"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura <u>jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku</u>; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."***

*Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains:*

***"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale****, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p.*

*276)*[9]

*The key phrases in the law lie in the words "**under a title which implies an obligation**" and "**to make use thereof for a specific purpose**" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence.*

*Finally the mens rea or the intention of the agent must be proven beyond reasonable doubt – the intention to make a gain or profit from the misappropriation of the object entrusted to him. In another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction in the case The Police vs Dr. Seigfried Borg Cole (23 December 2003) the Court quoted the jurist Luigi Maino with regards to the intentional element necessary for the commission of this crime. (**Commento al Codice Italiano UTET (1922)** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):*

***"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo ... il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo***

[9] The Police vs Francis Camilleri - 25 June 2001 – Court of Criminal Appeal (Inferior) (Din ir-referenza tinsab fit-tieni (2) nota ta' qiegh il-pagna tas-sentenza citata.)

***ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. <u>In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo</u>."***

*Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.''*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs Peter K/A Pierre Falzon (ID: 535060M)'</u>**[10] fejn fost numru ta' konsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

*'Il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Grech deciza 22 ta' April 2009 ghamlet referenza ghal dak li qal l-Awtur Taljan **Luigi Maino**[11] u dan spjega li :*

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo .... Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l-animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il*

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Gunju, 2016 (Kumpilazzjoni Nru: 551/13)

[11] **Commento al Codice Penale Italiano**, UTET (1922), Vol. IV, para. 1953, pag. 105 – 106. Illum, 16 ta' Gunju, 2016. Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. (Din hija l-ewwel nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)

*creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima di lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

*In generali jinghad li fid-dottrina b'approprjazzjoni indebita wiehed jifhem dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju , u essenzjalment jikkonsisti fl-istorn tal-haga fdata ghal skop determinat (ara* ***Crivellari dei reati contra la proprieta*** *– pg. 498; ediz. 1998).*

*Il-**Carminiani** fil-ktieb tieghu **Elementi Iuris Criminali** - (para 1020) jiddefinixxi dan ir-reat li huwa jsejjahlu bhala:- "il fatto de quo lui, che avendo ricevuto dal propretario mediante contratto non transiattivo di dominio, una cosa immobile, questa contro i patti e contro la volonta' del propretario stesso e converta in uso proprio con animo di appropriarsela o la distrugge e a proprio lucro e commodo."*

*Carrara fil-kieb tieghu Diritto Penale taht t-titolu Esposizione dei delitti inspecie (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-*

*"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus John Gauci'**[12] dwar l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie kkunsidrat li:

*'Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' l- approprjazzjoni indebita, fil-kuntest tal-każ preżenti, huwa kostitwit mill-frażi: "... taht titolu illi jġib miegħu l-obbligu ... li jsir użu minnha speċifikat ...". Speċifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haġa lill-aġent u minn hadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-ħaga u ħadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-agent dwar kif ikollu jagħmel użu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-aġent*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1997

*ikun approprja ruħu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel uzu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il- ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur, u prova ta' jekk l-aġent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l- użu jew użu divers."*

Sentenza li tirrigwarda approprjazzjoni in debita bl-uzu ta; prokura ghalkemm b'fatti diversi minn dawn odjerni hija dik fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Sp. Joseph Cordina) v George Grech ta' 49 sena bin Nazzareno u Domenica nee Mallia, imwieled Valletta, fil-21/02/1953 li joqghod fl-indirizz Block B, Flat 4, Qasam tal-Menhir, Kirkop detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 197153 (M)'**[13] fejn gie meqjus li:

*'L-artikolu 294 tal-Kap 9 jinhtieg il-prezenza tas-segwenti elementi biex jigi kostitwit ir-reat;*

*-Illi persuna tappropja ruhha billi ddawwar bi profitt ghaliha jew ta' persuni ohra*

*-Haga ta' haddiehor,*

*-Li tkun giet fdata lilha b'titolu illi jgib mieghu l-obbligu ta' radd il-haj.*

*Mela biex jigi kostitwit dan ir-reat jinhtieg li bhal kaz in dezamina bniedem jigi moghti prokura li fin-natura taghha timplika biss amministrazzjoni, f'dan il-kaz ta' flus, u emfatikament timporta maghha r-ritorn ta' l-oggett soggett ghall-amministrazzjoni lill-propjetarju tieghu. Issa jekk pero l-amministratur jaghmel tieghu bi qliegh ghalih dak li gie fdat lilu jirrizulta b'mod lampanti r-reat in dezamina. Fil-fatt ad occhio George Grech b'azzjonitu ssodisfa ghal kollox l-elementi tar-reat ta' misappropjazzjoni indebita.*

*Pero' in vista tal-fatt li l-istess akkuzat insista li Nazzareno wara l-istess prokura tah allura b'donazzjoni verbali gidu, konsistenti f'depositi bankarji, jinhtieg li jigi ezaminat jekk dan jolterax is-sitwazzjoni odjerna.*

*Issa certament wiehed mill-elementi kostituttivi ta' dan ir- reat huwa l-pussess ta' l-oggett ghand l-agent a kontrarju ta' min ghandu titolu ta' propjeta' ta' l-istess oggett suggett ghal prokura. Jghid ghalhekk l-Antolisei illi ".....il delitto di appropiazione indebita presuppone che l' agente abbia il- possesso della cosa mobile. Deve, pero trattarsi di mero possesso, e cioe di*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) (Numru: 197/2003)

*possesso disgiunto dalla propieta, poiche oggetto dall'azione criminosa e un bene mobile altrui e l'essenza del reato consiste nell'abuso del possessore a danno del propietario.*

*Da questa precisazione deriva l'importante conseguenza che il reato in parola non puo sorgere nei casi in cui si verifica, insieme col trasferimento del possesso, quello della propietta".*

*"Il diritto penale, invece, considera altrui il denaro quando sia affidato per un uso determinato nell'interesse del propietario" ( Antolisei Manuale di Diritto Penale Parte Speciale –I 1996 pagna 320)*

*Huwa ovvju ghalhekk li hawn il-Qorti se jkollha taghmel ezercizzju biex jigi stabbilit jekk Nazzareno Grech riedx li gidu jghaddi ghand l-akkuzat meta tah il-prokura. Wiehed irid jiftakar illi l-istess akkuzat jghid illi Nazzareno qallu biex jiehu l-flus li hemm fil-bank appena ghamillu l-prokura (a fol 282). Certament donazzjoni ta' flus hija b'mod cert u legali biex jinbidel il-propjeta ta' l-istess. Illi ghalhekk it- tezi ta' l-akkuzat hi li hu barra li nghata bil-prokura, l-pussess tal-flus biex ghalhekk jamministrahom ftit wara gie anke moghti l-istess flus in piena propjeta. Pero jibqa' l-fatt u certament dan mhux punt ikkontestat li l- hsieb uniku tal-kwerelant meta ta l-prokura kien biss li jkollu minn johodlu hsieb il-pensjoni. Dak kien l-unika hsieb ghala Nazzareno Grech ta prokura lil George Grech. Huwa vera li l-kwerelant setgha kien generuz ma' ibnu sal-grad li xehed l-istess akkuzat, pero' minn imkien qatt ma wera l-kwerelant li xtaq jitlef flusu u jghaddihom lil haddiehor. Dana anke qed jinghad ghax jidher li l- kwerelent huwa ben konsapevoli mill-fatt li anke matul hajtu u bla misthija ta' xejn gia qed isiru pjanijiet ta' kif hu ghandu jiddisponi minn flusu u jigi depost minn gidu. Sahansitra bla misthija mdawwrin mas-sodda tieghu f'laqgha ma' l-avukat u n-nutar iddiskutew qrabatu ghand minn ghandhom imorru flus ta' bniedem li ghadu haj jiehu n-nifs hdejhom. Jidher fil-fatt li hemm pretensjonijiet qawwija fuq gid il-kwerelant min-naha ta' l-akkuzat ghax hu bata fi tfulitu ghax ibnu, u min-naha ta' hutu ghax l- akkuzat jghawwi lill-kwerelant kontra taghhom. Punt iehor li ma tantx jikkonvinci lil Qorti mit-tezi mressqa mill- akkuzat huwa ghal fatt ta' l-ghaggla inkredibbli li ottenuta l-prokura, hu ha l-flus gia depostati ghand l-almonier. Flus li per parentesi jekk ried li jitwemmen li missieru tah dawk bankarji, verament ma kellux ebda jedd fuqhom. Mhux talli hekk, talli lanqas indenja li jroddhom lura lill ispettur Cordina meta radd lura l-effetti l-ohra ta' l-akkuzat. Fil-fatt l-akkuzat donnu jirraguna li hu ghandu xi jedd fuq flus Nazzareno u donnu qishom tieghu.*

*Xejn ghalhekk ma giet konvinta din il-Qorti mit-tezi proposta mill-akkuzat kif spiccaw ghandu flus il-kwerelant. Anke jekk ghal grazzja ta' l-argument il-kwerelant seta tah x'jifhem li ried*

*jaggevolah finanzjarajament zgur li l- prokura qatt ma kienet intiza ghaldaqshekk. Ta' dan fil-fatt kien dejjem konsapevoli l-istess akkuzat ghax sahansitra kien jaf bil-kontenut tat-testament ta' missieru li kien halla flus ohra lil hutu u lill-karita. Kien ghalhekk konsapevoli l- istess akkuzat mill-fatt illi darba li hu jiehu kollox. Kif ghamel, il-provizzjonijiet tat-testment kif jafu hu, ma setghux jigi immedjatament soddisfatti. Hija tal-fehma il- Qorti darba li rat lil kwerelant jiddeponi, illi difficcli temmen li dana ried u fil-fatt ta giedu kollu lil ibnu biex b'hekk hu spicca bla sold jghix biss b'pensjoni pjuttost mizera kif jghid l-istess akkuzat fl-istqarrija tieghu, meta fi kliemu stess Nazzareno jghid kemm hadem u bata ghal flusu. Illi stramb ukoll il-fatt li l-akkuzat meta f'hafna mill- attivitajiet civili ta' missieru dejjem hadu jew ipprovdielu nutar, issa ma hasibx jekk kienet se ssir din it-tip ta' donazzjoni li jikkonsolidaha b'mod inekwivoku. Daqstant iehor stramb li George Grech haseb, anzi ried min jemmen, illi missieru qallu hu kollox bla ma ssemmiet somma u dana allura kull sold li sab ghamlu tieghu sa wasal b'mod mhux spjegabbli li spicca tnehhiet persuna ohra minn fuq joint account u sostitwit bih innifsu. Tqis ghalhekk illi George Grech abbuza mill-prokura lilu moghtija billi dawwar ghalih bi profitt il-kontijiet bankarji ta' Nazzareno Grech, kif ukoll meta ha flus gia depositati go l-isptar.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali[14] kienet irrevokat dik is-sentenza meta qieset li:

*'Mill-assjem tal-provi din il-Qorti hi tal-fehma li fil- kondizzjoni li l-kwerelant sab ruhu fiha l-Isptar u fic- cirkostanzi hawn fuq elenkati, kien hemm verament mument fejn seta' qal xi diskors li l-appellant interpreta fis- sens li l-flus depozitati f'isem il-kwerelant seta' jehodhom ossia jdawwarhom fuq ismu. Probabbilment l-intenzjoni tal-kwerelant ma kinitx li l-appellant seta' jehodhom ghalih ghall-uzu tieghu u l-appellant seta' fehem hekk minhabba choice of words da parti tal-kwerelant. Interessanti difatti huwa l-fatt illi meta l-kwerelant kien qieghed jixhed, jirreferi ghal okkazjoni fejn ghadda s-somma ta' Lm200 lill- appellant. L-ewwel jghid li "tahomlu" imbaghad li "silifhomlu". Mistoqsi ghaliex ghamel dik id-differenza wiegeb "Mhux tajtu mhux xorta. Tajtu u sliftu." Din il-Qorti ma tistax ukoll ma tirreferix ghax-xiehda ta' Duminka Grech (omm l-appellant) li qalet li meta marret tara lill- kwerelant l-Isptar u qaltlu biex jiftakar fit-tifel, dan qallha "it-tifel kollox tajtu, tajtu l-flus tal-bank kollha u ghidtlu biex jaghmel li jrid bihom." Hemm ukoll ix-xiehda ta' Winston Grech (hu l-appellant) li qal li meta mar jara lill-kwerelant St. Vincent de Paule u rrakkomandalu li jirrangaw barra mill-Qorti, il-kwerelant qalu "jien nahseb li tajthomlu l-flus. Qalli imma issa nsejt. Qalli imma issa rridhom lura. Qalli imma ma nistax nghid li tajthomlu l-flus ghax igibuni fuq gurament falz." Pauline*

---

[14] Fis-sentenza fl-ismijeit 'Il-Pulizija v. George Grech' deciza fit-22 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru: 350/2006)

*Grech, mart l-appellant, xehdet illi wara li l-kwerelant kien ghamel il-prokura favur zewgha u marru jarawh il-kwerelant qallu lill-appellant: "mur inti u l- mara tieghek u dawwru kollox issa ghax jien lilkom ghandi biss u Alla jhares ma kontux intom." Qalet li f'okkazjoni ohra kienet qed titimghu l-brodu u kien hemm ukoll Duminka Grech u "ressaqli l-brodu u qallha jien lit-tifel u lill-mara tieghu jiena kollox tajthom. Qallha jaghmlu li jridu bihom."*

*Filwaqt illi din il-Qorti mhijiex lesta li tikkoncedi li l- intenzjoni ta' Nazzareno Grech kienet effettivament li l-flus kollha li kellu, l-appellant seta' jehodhom ghalih innifsu izda kellu biss jibqa' jamministrahom – anke jekk idawwarhom f'ismu, cioe` f'isem l-appellant – fl-istess hin ma jistax jinghad illi meta l-appellant zbanka l-flus kellu d- dolo mehtieg biex jista' jinghad li jissussisti r-reat ta' approprjazzjoni indebita. Jigifieri dan kien kaz li jidhol precizament f'dak li jghid il-Majno, cioe` "colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale". Fortunatament fil-mori ta' dan l-appell l-appellant u l- kwerelant waslu ghal ftehim li permezz tieghu l-appellant hallas lill-kwerelant ghas-saldu s-somma ta' tmintax-il elf tmien mija u sebgha u sittin euro u tnejn u disghin centezmu (€18,8867.92) – ekwivalenti ghal tmint elef u mitt liri Maltin (Lm8,100). Fl-imsemmi ftehim Nazzareno Grech sahansitra ddikjara li ma kellux aktar interess fl- azzjoni kriminali odjerna.'*

L-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi migjuba, kemm dwar dak li jirrigwarda l-flejjes zbankati mill-banek insegwitu ta' bejgh ta' bonds u shares , ta' transazzjonijiet maghmulha mill-kontijiet bankarji intestati fuq il-parti leza u anke tad-deheb li ma kienx gew ritornati lil omm u cioe' lil Mary Mifsud. Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra dawn separatament.

L-appellanta fix-xhieda taghha xehdet li kienet ommha li qaltilha biex tigbed il-flus sabiex tkun tista tqassamhom ma' hutha, jirrizulta izda li hadd mill-ahwa ma xehed li ommhom qasmitilhom xi flus, u ghalhekk jekk l-appellanta kellha titwemmen li kienet verament zbankat dawn il-flejjes u li kienet ghaddiethom lil ommha, x'sens jaghmel li l-omm tigdeb u tghid li l-appellanta kienet serqithomlha u li hadithomla minghajr il-kunsens taghha? L-appellanta tissottometti fl-appell taghha li hutha apparti Joey u Sylvana xewxu lill-ommhom kontriha u kien ghalhekk li nqala' dan l-inkwiet u d-disgwit kollu fejn sahansitrata wara dawk is-snin kollha fejn l-appellanta tiehu hsieb il-genuturi taghha minghajr hadd minn hutha ma jaghti l-ghajnuna tieghu illum il-gurnata spiccat imkeccija mid-dar minghajr lanqas ghada hadet l-oggetti personali

taghha u dan ghax agixxiet fl-interess u fuq struzzjonijiet moghtija minn ommha. Dwar dan, din il-Qorti tqis li sfortunatament ikun hemm sitwazzjonijiet fejn ikun hemm glied bejn l-ahwa bhal meta genituri jiffavurixxu lil wild minnhom u bhal genituri jaghzlu li jaghtu gidhom f'hajjithom lil wild minnhom u ghalhekk il-kumplament tal-ahwa jiehduha kontra dak il-wild u fejn f'xi waqtiet minhabba l-vulnerabbilita' ta' genituri anzjani, il-genituri ta' eta' avvanzata jistghu facilment jigu mghawwija kontra wild jew l-iehor. Tenut kont ta' dan, il-Qrati jridu jkunu kawti u jikkunsidraw bir-reqqa l-provi migjuba.

L-appellanta fl-appell taghha tishaq li kienet ommha li qaltilha biex tigbed l-istocks u l-bonds u dan halli jkunu jistghu jitqassmu bejn l-ahwa. Tissottometti fost affarijiet ohra li l-prokura kienet f'isimha u ghalhekk huwa assurd li wiehed jimmagina li kienet se tirriskja li tigbed il-flus meta fil-verita' ma kinitx awtorizzata u dan ghaliex kull azzjoni li kienet se taghmel kien se jkun hemm isimha jidher. Li ma setghetx tinheba jew twahhal f'haddiehor ghax kollox kien f'isimha u ghalhekk zgur li ma kinitx se taghmel azzjoni bhal dik minghajr qabel ma kellha awtorizazzjoni bil-fomm jew bil-miktub min naha ta' ommha. Gie sottomess li meta wiehed jaghmel prokura, huwa jkun qed jerhi idu f'idejn il-persuni li tkun qed tamministra f'dan il-kaz l-appellanta kienet qed tamministra kollox. Issottomettiet li dejjem amministrat b'mod tajjeb hafna u hadet hsieb kemm ommha u kemm missierha bl-ahjar mod possibbli fi zmien meta hutha ma kienux daqsekk prezenti. Ghalhekk tghid li l-kwistjoni tat-tisrif tal-istocks u l-bonds ukoll saret wara d-debita awtorizzazzjoni u fl-ahjar interess tal-familja kollha stante li b'dawk il-flus l-omm kellha l-intenzjoni li tqassamhom bejn it-tfal taghha kollha. Gie sottomess li hadd mhu se jirriskja jaghmel xi haga bhala din meta f'kull transazzjoni hemm ismu jidher u allura kwalunwke azzjoni zgur li se tinqabad. Ghalhekk skont l-appellanta l-verzjoni taghha taghmel sens u tikkonferma l-bona volonta taghha.

L-appellanta tissottometti li l-verzjoni tal-appellanta hi wahda verosimi u li ghandha mis-sewwa u dan in kuntrast max-xhieda tal-omm li hija nieqsa minn kull ombra ta' kredibilita' u li skont l-appellanta ma ghandhiex mis-sewwa. Saret referenza ghal fatt li tkecciet mid-dar minghajr lanqas ghadha hadet l-oggetti personali taghha u dan ghax aggixiet fl-interess u fuq struzzjonijiet moghrija minn ommha.

Din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' George Camilleri in rapprezentanza ta' Malta Stock Exchange datata t-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax

(2018) li spjega li l-bonds u s-shares kienu fil-kont ta' Maria Mifsud permezz ta' wirt u li '*Kien hemm minnhom transazzjonijiet fl-2015 fejn l-istocks inbieghu u l-istock broker dejjem kien Bank of Valletta u kien hemm erba' minnhom li gew redeemed jigifieri ghalaq il-maturita' taghhom u b'hekk suppost hadet il-flus lura s-Sinjura Maria Mifsud.*' Ma hemmx kontestazzjoni da parti tal-appellanta li hija kienet marret il-Bank Centrali sabiex jinbieghu dawn is-shares u bonds. Dak li tghid l-appellanta kien li dan ghamlitu fuq struzzjonijiet ta' ommha. Jirrizulta li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-appellanta permezz tal-uzu tal-prokura kienet zbankat wiehed u ghoxrin elf, mitejn u disgha u ghoxrin ewro u hamsa u disghin centezmu (€21,229.95) minn dak li jirrizulta a fol 99 immarkat bhala Dok JB2, filwaqt li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-appellanta zbankat l-ammont ta' erbat'elef, mitejn u sitta u tletin ewro u tletin centezmu (€4,236.30) mill-kont bankarju intestat fuq ommha Mary Mifsud permezz tal-uzu ta' prokura generali skont dak li jidher minn fol 98 immarkat bhala Dok JB1. Audrey Ghigo in rapprezentanza ta' HSBC Malta plc fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2016) xehdet li fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) ikkonfermat li sar zbank ta' hamest'elef ewro (€5000) mill-appellanta permezz ta' prokura generali mill-kont bankarju ta' Mary Mifsud. Kopja tal-istatement mahrug mill-HSBC Bank Malta plc jinsab a fol 187 u mmarkat bhala Dok MM5. Jirrizulta li fil-kont bankarju mal-Bank of Valletta intestat f'isem Mary Mifsud skont dak li jirrizulta a fol 183 dak in-nhar li giet migbuda s-somma ta' erbat'elef, mitejn u sitta u tletin ewro u tletin centezmu (€4,236.30) fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015), f'dan il-kont kien baqa' bilanc ta' disat'elef, disa' mija u tlieta u sittin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€9,963.22) u fejn fl-istess jum kien hemm depozitu ta' hamsa u tletin ewro u ghalhekk il-bilanc f'dan il-kont dak in-nhar kien ta' disat'elef, disa' mija u tmienja u disghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€9,998.22). Filwaqt li fil-kont bankarju mal-HSBC skont dak li jirrizulta a fol 187 immarkat bhala Dok MM5 jirrizulta li wara li ngibdu l-hamest'elef ewro (€5000) fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015), kien baqa bilanc ta' mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€224.98).

Jirrizulta li l-prokuri generali kienu gew terminati ufficjalment permezz ta' ittra ufficjali datata t-tletin (30) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) notifikata lill-appellanta fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn Maria Mifsud kienet itterminat

b'effetti mmedjat l-prokuri generali li saru fil-konfront tal-appellanta u rrizervat id-drittijiet taghha f'kaz li l-appellant abbuza minn kwalunkwe prokura li nghatat lilha u talbita tirrtitorna lura kwalunkwe dokument u credit cards u oggetti ohra appartenenti lil Mary sive Maria Mifsud. Kopja ta' din l-ittra ufficjali tinsab a fol 55. Nonostante dan, skont ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, l-omm kienet ila xhur titlob lill-appellanta tirritorna l-prokura, dan izda baqa ma sarx u kien ghalhekk li kellha tintbaghat l-ittra ufficjali. L-omm u cioe' Maria Mifsud fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) tishaq li l-appellanta serqitha, tghid li '*kellna shares, u meta morna l-Bank, qaltilna li dan haduhom ukoll.*' Spjegat kif marru l-bank '*U ccasajna meta qalulna x' kien baqa' u ma' baqax.*' Tghid li riedet tidhol go home u ma kelliex.

Maria Mifsud in kontro ezami fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) spjegat li minn Jannar kienu ilom jitolbuhielha l-prokura u ma gabiethiex u li anke n-Nutara kienet qaltilha u ma gabithiex. Lilian Fenech fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet li kien minn nofs Jannar, minghaliha tal-elfejn u hmistax (2015) li l-omm bdiet titloba l-prokura u li l-appellanta bdiet tirrifjuta. Li talbitha dokumenti, credit cards u affarijiet kollha u li l-imputata qalet li '*Qabel nircievi l-karta mill-Qorti, mhux ser naghtihielkom.*' Gorgina Borg fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) ikkonfermat li ommha talbet il-prokura lill-appellanta u ma riditx taghtihilha u mbaghad marret ghand l-Avukat u hadu l-passi u baghtitilha ittra ufficjali biex titwaqqaf il-prokura. In kontro-ezami Georgina Borg fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) tghid li kien f'Jannar li ommha kienet staqsiet lill-appellanta ghal prokuri, tghid li 'kumbinazzjoni konna hemm u qaltilha: "*Gibli l-prokura.*" u Qaltilha: "*La ghandni ma' rcevejt xejn, ma' ngiblek xejn.*"' Dan id-diskors sar meta kienet '*qisha gejja Vicky, 14, 15? Insejthom id-dati. Imma konna hemm u qaltilha. qaltilha: "Gibli l-prokura, ghax mhux qieghda nafdak.*" Tghid li kien wara tad-deheb. Meta l-omm reghet qalet lil Louise biex terga ggibielha l-prokura, qaltilha "*Jiena la ghadni ma' rcevejt xejn, mhux ha ngib xejn.*" Martin Mifsud fis-seduta tat-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) ukoll ikkonferma li l-omm kienet talbet il-prokura lura u jahseb li bil-fomm anke fl-elfejn u erbatax (2014) qaltilha. Jghid li meta kellhom laqgha ghax riedet iggib lill ohtu mill-Amerika '*bdiet tghidilha li flusi u ma nistax nuzhom kif irrid*' u jghid li '*Minn dak inhar bdiet tghidilha ha nnehhilek kollox tuzax*

*izjed u nehhitielha insomma bil-fomm nehhitilha kemm il-darba imbaghad kellna nifthuha l-Qorti bil-pulzija morna naghmlu rapport insomma u ma riditx ittihila lura qabel ohti tirceivi bil-Qorti*'. In kontro-ezami fis-seduta tal-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) mistoqsi jekk kien qabel id-deheb jew wara d-deheb li ommu ma bdietx tafda lil Louise wiegeb '*Qabel, qabel, qabel. Minn mindu gibna lil ohti.*' Xehed ukoll li '*il-mummy bdiet tghidilha biex ittiha l-prokura lura u mbghad qaltilha: "Qabel nircievi mill-Qorti mhux ser intihielek.*" Joseph Mifsud minn naha l-ohra cahad li l-omm talbet il-prokura minghand l-appellanta. Sylvana Pace qalet li ommha lanqas qatt ma qaltilha li qed tissuspetta hazin f'ohtha.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li gie sufficentement ippruvat li Mary Mifsud kienet ilha titlob il-prokura lura verbalment minn madwar Jannar jew Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) u ghalhekk qabel ma gew zbankati l-flejjes f'Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015). L-appellanta tishaq li kienet ommha li kienet qaltilha biex iggib il-flus li qabel kienu tal-missier sabiex tqassamhom ma' hames (5) ahwa minn tmienja (8) u dan stante li Vicky hadidthom ghax giet mill-Amerika, u tnejn mill-ahwa kellhom id-dejn maghha u ma kinitx ha tatihomlom biex jitnaqqsu mid-dejn. Tghid li wara li marret ic-Central Bank biex tghidilhom li ommha trid tbiegh l-istocks u l-bonds, filghaxija ommha staqsietha jekk gabithomliex u l-appellanta tghid li fehmita li mhux bhal bank normali izda li jriedu jbieghuhom umbghad jitrasferrixxu ruhom fil-kont taghha. Tghid li hekk gara u tghid ukoll li s-Sibt kienet iltaqghet b'kumbinzzjoni ma' huha Joe Mifsud u qaltlu ibiex imur maghha l-Bank u tghid li '*morna d-dar jien u hija u tajnihomlha dawn il-flus.*' Filwaqt li l-hamis ta' wara l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu gabitilha erbat'elef mitejn u sitta u tletin ewro u tletin centezmu (4,236.30) u tghid li kien baqa xi tmien mija xi haga u l-omm '*qaltli ghandna ghal 25 thousand, ghidtilha iva mela qaltli mela dawk hallihom hemm dawk l-800, ghidtilha orrajt inhalluhom hemm*.' Ghalhekk l-appellanta tishaq li l-flus gibdithom fuq struzzjonijiet tal-omm u li dawn il-flejjes taghthom lil omm u li in oltre' s-somma ta' l-fuq minn wiehed u ghoxrin elf ewro gibdithom flimkien ma' huha Joseph Mifsud u li tathom lil ommha fil-prezentza tal-istess huha.

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li Joseph Mifsud ma huwiex xhud kredibbli u li ghandu jigi investigat ghal spergur. Huwa xehed li mar mal-appellanta il-bank il-Belt ghax l-omm riedet iggibhom bilfors u Louise qaltlu biex imur maghha, jghid li '*qaltli ejja mieghi, qaltli mhux ser ingib, xi erbghin elf kienu, lanqas naf kemm kienu*.' Mistoqsi minn fejn

kellha iggibhom, wiegbet '*Mill-banek, il-belt mort il-bank maghha jien.*' Ghalkemm huwa jghid li l-flus ingibdu minn Bank il-Belt, Joanne Bartolo in rapprezentanta tal-Bank of Valletta fix-xhieda taghha tal-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) ikkonfermat li z-zewg withdrawals tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu  tas-sena elfejn u hmistax (2015) ingibdu mil-fergha ta' Fleur de Lys.  Jirrizulta mix-xhieda tal-appellanta li meta marret il-Belt ma huha, kienu marru c-Central Bank biex jghidulhom li l-omm trid tbiegh dawk l-istocks u l-bonds u mhux kif jghid Joseph Mifsud li marru l-Bank il-Belt biex jingibdu l-flus. In oltre' ghalkemm jghid li minghalih li l-omm baghtitihom jigbu xi flus f'Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015), huwa jghid ukoll li kien diga ta' lura  c-cavetta tad-dar lil Louise, u aktar kmieni fix-xhieda tieghi jghid li kien '*ghidtila jien ma rridx nersaq lil hemm izjed, ghidtilha u ma rridx iktar ic-cavetta.*' Xehed li '*jien ma mortx, jiena ma mortx ghax hemmhekk, ha nghidlek ghaliex ma mortx izjed, ghax jien kont bil-bail ta' xi haga ohra u ma ridtx inkwiet biex jitfghuni l-habs ghax hekk ppruvaw..*' Mistoqsi jekk dan kien fi Frar 2015 qal li xi haga hekk. In ri-ezami jghid li mhux fi Frar taghha c-cavetta.  Mistoqsi jekk meta mar ma' Louise iggib il-flus jekk kellu cavetta fuqu dak iz-zmien wiegeb li le u li kien diga tahilha. Ghalhekk wiehed jistaqsi kif mar jaghti l-flus lil ommha mal-appellanta meta huwa kien diga ma ghandux cavetta u meta aktar kmieni fix-xhieda tieghu kien qal li  ma riedx jersaq lil hemm izjed, u ma ridx iktar ic-cavetta? Ghalhekk l-appellanta u x-xhud in difeza Joseph Mifsud ukoll jikontradixxu lil xulxin fix-xhieda taghhom.

Din il-Qorti temfasizza li ma jfissirx li ma kienx hemm divergenzi fix-xhieda tal-prosekuzzjoni bhal kif ghalkemm l-ahwa jghidu l-passagg mill-Amerka kien hamest'elef ewro, Mary Mifsud fix-xhieda taghha tghid li halset xi hames mija (500). In oltre' din il-Qorti tinnota li l-Ewwel Qorti qieset li lanqas huwa minnu Georgina u Carmen kellhom dejn ma ommhom u li ommhom tinnega dan bil-qawwa. Din il-Qorti tqis li ghalkemm jirrizulta li ommhom innegat li uhud mill-ulied kellhom dejn maghha u tghid li d-dejn kien mal-missier, Georgina Borg fix-xhieda taghha tikkonferma li kellha dejn ma ommha u li kollox tawha.  Mistoqsija jekk taf min iktar minn huta ssellef, wiegbet Carmen minghaliha. Lilian Fenech ikkonfermat li l-genituri taghha kienu selfu flus lil uhud minn hutha. Nonostante dan, ma jirrizultax pruvat imqar fuq bazi ta' probabilita li d-dejn kien ghadu ma thallas fiz-zmien in kwistjoni kif taghti

x'tifhem l-appellanta meta tghid li l-omm riedet taghti hamest'elef (5000) kull wild hlief lil Vicky li giet mill-Amerka u z-zewg ulied li kellhom dejn maghha.

Din il-Qorti tqis ukoll li ghalkemm l-Qorti f'parti mis-sentenza qieset li '*Dwar il-flus li jinghad ingiebu minn Martin, kuntrarjament ghal dak li xehed Joe - fejn jghid li gabhom l-ghada tant li kien mar u ghen lill-ommu tghoddhom ghax kien ghadu kemm tahomlha..*' kuntrarjament ghal dak li qieset l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata f'din il-parti kwotata, din il-Qorti interpretat ix-xhieda ta' Joseph Mifsud bhala li ma kienx prezenti meta Martin gab il-flus izda li mar l-ghada d-dar ta' ommu u jghodd il-flus, filfatt huwa xehed '*Meta tahomlha ma kont hemm jien, tlajt l-ghada filghodu, qatt ma tlajt filghodu, ghidtilha x'gara ma? Gabhom? Qaltli iva, ha ghoddhomli, ara gabliex sewwa u kien hemm sewwa?*'

Ikkunsidrat ulterjorament;

Il-perjodu mertu tal-imputazzjoni huwa Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u x-xhur ta' qabel u ghalhekk din il-Qorti qieghda tillimita ruha ghal dak li gara f'Marzu u tnax il-xahar qabel. Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti ghamlet numru ta' kunsiderazzjonijiet dettaljati dwar il-fatt li jirrizulta li kienu jingibdu ammonti sostanzjali mill-kont tal-omm u taghmel anke referenza ghal fatt li l-appellanta naqset milli tipprova sal-grad tal-probabbli ghaliex ommha kellha bi pregudizzju ta' hutha thalliha tberbqilha l-pensjoni biex tippermettila tghix minn fuq dahra. Dwar dan, din il-Qorti tqis li ghalkemm l-omm Maria Mifsud taghti x'tifhem fix-xhieda taghha li l-appellanta kienet tigbed hafna flus minghajr il-kunsens taghha, din il-Qorti thoss li ghandha tiffoka u tillimita ruhha ghal dak li sehh f'Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u dan stante li ma tqis li gie ppruvat liema mit-transazzjonijiet li ghamlet l-appellanta qabel Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) ma kienux awtorizzati mill-omm. Filfatt ghalkemm l-omm taghti x'tifhem li l-pensjoni ma kinitx tintmess, peress li kellha kirjiet, din il-Qorti tinnota li fis-Social Inquiry Report prezentat quddiem din il-Qorti, fil-parti dedikata ghall-intervista telefonika li saret ma' Mary Mifsud l-omm l-imputata, fost affarijiet ohra l-Ufficjal tal-Probation nizlet li '*Tgħid li kien hemmekk li indunaw li filwaqt li l-kont kien oriġinarjament fiħ daqs ħamsin elf lira maltin, dawn naqsu għal ħamest elf f'temp ta' żmien pjuttost qasir.. Is-Sinjura Mifsud dehret viżibilment emozzjonata meta irrakkontat kif fost dawn il-flus kien hemm somma sostanzjali li ingħatat minhabba li r-raġel taħħa kien jaħdem ix-xatt tad-Dockyard. Barra minn hekk,* <u>*kien hemm il-qliegħ kollhu li*</u>

<u>*kien jidħol mill-kera tal-proprjeta*</u>'' izda dan ma jirrizultax fix-xhieda guramentata taghha u cioe' ma jirrizultax li l-kera tal-proprjeta' kienet tkun depozitata l-Bank, anzi jirrizulta li din kienet tintuza ghal bzonnijiet ta' kuljum. Skont din l-intervista '*l-omm stqarret li saħansitra <u>kienet tagħti mitt ewro mill-penzjoni tagħha</u> lil Alosia bħala ringranzjamanet ta' i kienet iddur bihom.*' Ghalhekk din il-Qorti ma ghandix il-konvinciment morali li l-flus li setghet gibdet l-appellanta mill-kont bankarju tal-appellanta fix-xhur ta' qabel Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) kienu kollha minghajr il-kunsens tal-omm jew liema kienu minghajr il-kunsens taghha. Dan naturalment minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-parti leza u ta' ulied il-parti leza sabiex ifittxu kumpens ghal dak allegatament soffert matul is-snin fil-Qorti Civili idoneja.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tillimita ruhha ghall-izbanki ta' flejjes sostanzjali li saru f'Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) fiz-zmien li din il-Qorti tqis li l-inkwiet fil-familja kien diga beda xhur qabel u cioe' minn meta riedu jgibu lil ohthom Vicky mill-Amerka. L-appellanta taghti x'tifhem li ma kienx hemm inkwiet sa Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) izda din il-Qorti tqis mod iehor. Tqis li numru sostanzjali ta' xhieda xehdu kif l-omm minn Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) jekk mhux qabel kienet diga bdiet titlob il-prokura lura minghand l-appellanta. Tqis ukoll li ghalkemm l-appellanta fix-xhieda taghha tishaq li kien f'April li bdiet issib ic-cavetta fis-sellatura u ma tkunx tista tiftah il-bieb tad-dar, fis-sentenza fl-ismijiet <u>**'Alexander Grech u martu Aloisia sive Louise Mifsud grech vs Lilian Fenech, Martin Mifsud, Carmen Mannino, Giorgina Borg u Mary Mifsud**</u>' deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-tletin (30) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tmintax (2018)[15] li giet prezentata mill-appellanta stess fix-xhieda taghha gie rapportat fis-sentenza li fl-affidavit ta' Aloisia Mifsud Grech[16] kienet qalet li '*mill-11 ta' April 2015 'il quddiem, li bdew jaghmlu hutha hu li bdew isakkru bic-cavetta minn gewwa, u jhallu c-cavetta fuq gewwa biex ma tkunx tista' tiftah il-bieb jekk ma jifthulhiex huma.*' Izda skont kif rapportat f'dik is-sentenza in kontro-ezami quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili xehdet li '*Meta bdiet tithalla cavetta fil-lock tal-bieb min-naha ta' gewwa kien fi Frar 2015, u damet hmistax sejra hekk, li jkollha thabbat biex tidhol.*' Interessanti ukoll dak rapportat fis-sentenza u cioe' li in kontro-ezami fil-kawza civili '*Qalet li huha Martin fil-prezenza taghha fl-2015, kien qal li ried inehhilha l-prokura u jaghmel*

---

[15] Rikors Guramentat numru: 431/2015/LSO

[16] Din l-affidavit ma gietx ipprezentata fl-atti processwali izda qieghda ssir biss referenza ghal dak imnizzel fis-sentenza indikata.

*laqgha mal-ahwa, ghax ma kienx qed jafdaha. Qalet li fit-12 ta' Marzu, 2015, ikkonfermat li giet aggredita minn ohtha Lilian sabiex keccewha mid-dar. Ziedet tghid li fit-8 ta' Marzu ghan-nom ta' ommha biex fi zmien hmistax titlaq mid-dar, u jumejn wara dakinhar meta marret id-dar daru ghaliha.*' Fl-istess sentenza tnizzel li Mary Mifsud qalet li '*sa minn Frar 2015 kienet talbitha l-prokura lura lil Aloisia u peress li ma riditx tatijielha, kellmet avukat u tat prokura lil Lilian.*' u li Martin Mifsud skont dak rapportat fl-istess sentenza kien xehed li '*fi Frar 2015 ommu kienet talbet il-prokura lura lil Aloisia ghax ma baqghet tafdaha.*'

Din il-Qorti tqis li la darba l-appellanta kienet diga qieghda tigi mitluba tirritorna l-prokura verbalment anke jekk din ma kinitx legalment u ufficjalment revokata, ifisser li l-appellanta ma kellha qatt taghmel uzu mill-prokura. In oltre' din il-Qorti tqis li ma taghmel l-ebda sens li l-appellanta tizbanka dawn l-ammonti ta' flus, taghtihom lil omm, u l-omm taghzel li tigdeb u tghid li l-appellanta ma kinitx taghtha dawn il-flus. Din il-Qorti ma tistax tifhem xi gwadan setghet ghamlet l-omm b'dan kollu? Fejn jirrizulta li familja kbira ta' tmint'ulied li qabel kienet maghquda spiccat tkissret. B'zieda ma dan, jekk l-appellanta tghid li l-omm talbet dawn il-flus sabiex hija tqassamhom bejn hames mill-ahwa, kif dawn l-ahwa baqghu ma rcevewx dawn il-flus? Interessanti huwa dak li jixhed Martin Mifsud in kontro-ezami fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn jghid li qal "*Anke l-bonds haditilha?*" u wiegbet "*Ma' nafx, ma' nafx, ma' nafx.*"

Din il-Qorti tistaqsi x'sar mill-flejjes li l-appellanta gibdet mill-kontijiet bankarji ta' ommha f'Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015)? In oltre' u aktar importanti minn hekk, tenut kont li l-inkwiet kien diga beda jinqala filfatt minn meta riedu jgibu lil ohtha Vicky mil-Amerka, jekk verament l-appellant kienet awtorizzata biex tbiegh is-shares u l-bonds, ma kelliex almenu jkollha awtorizzazzjoni bil-miktub jew li tikseb din l-awtorizzazzjoni quddiem l-ahwa kollha. In oltre' jekk verament l-appellanta zbankat dawn il-flus u ghaddiethom lil omm, possibli li ma kinitx titlob prova bil-miktub li l-omm kienet irceviet dawn il-flus jew inkella li l-omm tlaqqa lill ahwa kollha jekk dawn kellhom jinghataw lil ahwa? Kif gia inghad ghalkemm l-appellanta u huha Joseph Mifsud jghidu li kienu flimkien meta inghatat somma sostanzjali lil omm, kif gia inghad aktar kmieni f'din is-sentenza Joseph Mifsud ma huwiex xhud kredibbli ghar-ragunijiet gia indikati. Huwa ukoll indikattiv li l-appellanta ma kinitx fdata meta giet mitluba ggib id-deheb mis-safe sabiex jittiehed kont ta' x'kien hemm u jsir inventarju ta'

kull oggett li kien hemm, minkejja li l-omm ghazlet li terga tghid lill-appellanta tiehu dan id-deheb fis-safe.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata tqis:

'*Ghaliex kellha titkecca mid-dar l-imputata jekk kull ma ghamlet kienet li segwiet l-istruzzjonijiet t'ommha? Kull ma ghamlet kien biex jigu agevolati hutha billi kienu ser jinghataw €5,000 kull wiehed? Ghaliex minkejja li tinsisti li ommha riedet itihom dawn il-flus u skond hi dawn ingibdu, l-omm baqghet ma tathom xejn kif jixhdu Joseph u Silvana li jghidu li baqaw ma raw l-ebda sold mill-flus li ngibdu mill-banek? Ghaliex stenniet li ommha kellha xorta itihom €5,000 meta Martin rritorna l-flus li thallsu ghall-biljett ta' Vicky biex ommu tigi ma hallset xejn u giet ripristinata s-sitwazzjoni?*'

Dwar dan, din il-Qorti tqis li l-appellanta meta mistoqsija tispjega ghalfejn qed tghid li dawk il-flus hargithom ghax l-omm riedet taghtihom hamest'elef kull wiehed wiegbet '*Ghalhekk l-ewwel talabitni l-five thousand li qaltli biex immur inpoggi xahar u nofs ilu l-HSBC biex nohroghom u terga' taghtihom lura lil Martin ghax dawk tieghu, ghax gie li harighom hu ezatt il-flus imma hi peress li fil-5 ta' Jannar qaltilhom ha naghtikom xorta five thousand kull wiehed, riedet five thousand kull wiehed biex taghtihomlom*.' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti.) Tghid li l-flus li gibdet taghthom lil ommha izda ma tafx fejn poggiethom ommha. Is-somma ta' l'fuq minn wiehed u ghoxrin elf tathom lil ommha quddiem huha Joe. Nonostante dan, minkejja li Martin Mifsud ittella anke in kontro-ezami huwa lanqas gie mistoqsi dwar il-hamest'elef li allegatament huwa ghadda lil ommu u lanqas dwar jekk verament kien ircieva dawn il-hamest'elef lura minghand ommu.

Dil-Qorti ghalhekk tqis li anke jekk dato ma non concesso li l-appellanta u x-xhieda in difeza kellhom jigu emnuti li l-omm regghet taghat lura il-hamest'elef ewro (€5000) li kien hareg Martin li l-appellanta tghid li kienu dawk zbankati mill-Bank HSBC, fatt li ma gie ipprovat bl-ebda mod, u anke jekk kellha tigi emnuta li tnejn mill-ahwa kellhom dejn ma' ommhom li kien ghadu ma thallas, xorta wahda jirrizulta li l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn u disgha u ghoxrin ewro u hamsa u disghin centezmu (€21, 229.95) zbankati fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u l-ammont ta' erbat'elef, mitejn u sitta u tletin ewro u tletin centezmu (€4,236.30) zbankati fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) li kienu jammontaw ghal hamsa u ghoxrin elf, erba' mija u sitta u sittin ewro u hamsa u ghoxrin

centezmu (€25,466.25) kienu ghalhekk jezorbitaw il-hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) mehtiega sabiex hamsa mill-ahwa jinghataw hamest'elef ewro (€5,000) kull wiehed. Sinifikanti huwa l-fatt li l-ahhar flus li ngibdu mill-appellanta kien fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) filwaqt li **omm l-appellanta ghamlet prokura generali ohra versu Lilian Fenech fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015)** skont dak li jirrizulta a fol 175 et sequitur.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib htija tal-ewwel imputazzjoni tant li l-appellanta ghamlet taghha dak li ma kienx jappartjeni lilha, mhux biss bieghet l-istocks u bonds, izda sussegwentement anke gibdet ammonti sostanzjali ta' flus mill-kontijiet bankarji intestati f'isem il-parti leza u dan f'Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015). La darba dawn il-flejjes ma gewx ritornati lil omm kuntrarjament ghal dak li xehdet l-appellanta, ifisser li gie kommess ir-reat ta' approprjazzjoni in debita.

Ikkunsidrat ulterjorament;

L-appellanta fl-appell taghha tissottometti ukoll li l-Prosekuzzjoni naqsu milli jgibu prova x'sar minn dawn il-flus li allegatament zamment l-appellanta ghaliha. Li naqsu milli jgibu l-kontijiet bankarji tal-appellanta biex juru jew allinqas jipprovaw juru li forsi kien hemm xi depoziti b'ammonti konsiderevoli li setghu juru u jaghtu dawl li forsi dawn il-flus l-appellanta tefathom fil-kont taghha. Li lanqas il-Prosekuzzjoni ma gabet provi li forsi b'dawn il-flus l-appellanta xtrat xi karozza f'isimha jew xi oggetti ohra li huma ta' valur. Li dan ifisser li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova element essenzjali f'dan ir-reat ta' misapproprjazzjoni indebita u cioe' li persuna ddawwar bi profitt ghaliha haga li f'dan il-kaz hija totalment mankanti.

Dwar dan, din il-Qorti tqis li ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-kaz taghha u li l-appellanta ma ghandha bzonn tipprova xejn u f'kaz li trid taghmel prova, huwa bizzejjed li dan jsir sal-grad tal-probabbli. Din il-Qorti temfasizza li l-Prosekuzzjoni ma kelliex ghalxiex tipprova x'kien l-uzu li ghamlet l-appellanta bil-flus li gibdet mill-kontijiet bankarji intestati f'isem l-appellanta. Kien bizzejjed li resqu prova li l-flus gew migbuda mill-appellanta, li l-flejjes kienu jappartjenu lill-omm l-appellanta u li ghalkemm l-appellanta kellha tamministra l-flejjes tal-parti leza stante li kellha l-prokura, dawn il-flejjes baqghu ma waslux ghandha. Ghalhekk stante li

jirrizulta li l-ammonti sostanzjali zbankati f'Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) mill-kontijiet bankarji ta' omm l-appellanta saru minghajr il-kunsens tal-omm u fejn dawn l-ammonti ma ghaddewx lil omm l-appellanta, ifisser li l-appellanta ikkomettiet approprjazzjoni in debita. Dan irrispettivament x'ghamlet b'dawn il-flejjes. Il-Prosekuzzjoni ma kelliex ghalxiex tressaq prova ta' x'sar minn dawn il-flejjes.

Ikkunsidrat ulterjorament;

Din il-Qorti jonqosha tqis dak li jirrigwarda d-deheb. Jirrizulta ampjament car li l-appellanta wara li giet mitluba biex iggib id-deheb id-dar fi Frar skond kif anke tixhed l-appellanta sabiex jittiehed kont bil-miktub ta' x'deheb kien hemm, regghet giet mitluba sabiex tiehu dan id-deheb lura fil-deposit box tal-Bank. Din il-Qorti tqis li l-appellanta fl-ebda punt ma kkontestat li d-deheb kien ta' ommha Maria Mifsud u li kienet mitluba tpoggieh fis-safety deposit box anke jekk irrizulta li s-safety deposit box ma kinitx intestata f'isem l-omm. L-appellanta taghti x'tifhem li hija baqghet ma rritornatx dan id-deheb abbazi tal-fatt li meta tkecciet mid-dar, kien baqa xi affarijiet personali u ghalhekk ma riditx li tirritorna d-deheb qabel ma tiehu l-oggetti taghha. Fis-sottomissjonijiet finali maghmulha quddiem l-Ewwel Qorti d-difiza tqis li l-fatt li ma rritornatx id-deheb huwa se mai reat ta' ragion fattasi u mhux ta' misapproprjazzjoni. Jirrizulta izda li l-appellanta baqghet izzomm dan id-deheb fil-pussess taghha ghal snin matul dawn il-proceduri.

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti fejn qieset:

'*Dwar it-tezi tad-difiza li l-imputata baqghet izzomm id-deheb biex tpatti ghall-fatt li meta tkecciet mid-dar kien ghad baqa' oggetti mobbli appartenenti lilha, gja ntwera li din it-tezi ma treggix –*

*i. Fl-ewwel lok jinghad li baqaw ma gewx identifikati x'inhuma dawn l-oggetti u lanqas il-valur komplessiv taghhom - li l-Qorti tifhem li ghandu jkun wiehed li hu vicin u mhux anqas tal-valur tad-deheb mizmum minnha;*

*ii. Kien fil-5 ta' Mejju, 2015,*[17] *li l-imputata giet notifikata bl-ittra ufficjali tat-30 t'April, 2015, li permezz taghha l-prokuri gew terminati ufficjalment u formalment b'effett immedjat.*[18]

[17] Fol. 56 (Din ir-referenza tinsab fin-nota' ta' qiegh il-pagna enumerata 148 tas-sentenza appellata)
[18] Dok.MM3 a fol. 54-58 (Din ir-referenza tinsab fin-nota' ta' qiegh il-pagna enumerata 149 tas-sentenza appellata)

*Hamest ijiem qabel ma tkecciet mid-dar u ghalhekk qatt ma tista' titwemmen dwar dak li tghid kien il-movent taghha!*

iii. *F'dik l-ittra giet interpellata sabiex "tirritora lura kwalunkwe dokumenti appartenenti lilha, kwalunkwe credit cards appartenenti lill- mittenti u kwalunkwe oggett iehor appartenenti lill-mittenti". Dan peress li fi kliem ommha Maria Mifsud "**Minn Jannar konna ilna nitolbuhielha l-prokura u ma' gabithiex**. Anke n-Nutara kienet qaltilha.... Ma' gabithiex."*[19]

*Fit-8 ta' April 2015 hi u zewgha rcevew ittra bl-avukat li tghid li "Mary Mifsud riedet li jitilqu mid-dar fi zmien hmistax", u dan skond l-affidavit taghha prezentat fil-proceduri civili istitwiti fil- konfront ta' ommha u hutha Lilian, Carmen, Georgina u Martin.*[20]'

Il-Qorti ghalhekk ikkonkludiet li

'*Fil-kaz in dezamina id-deheb kien ilu snin mizmum f'isem l-imputata w ghalhekk it-tezi tad-difiza, li l-ghemil tal-imputata jinkwadra fir-reat ta' raggion fattasi u mhux f'dak t'approprijazzjoni indebita, ma tistax issib akkoljiment.*'

Din il-Qorti taqbel ma dan, stante li sabiex jissusisti r-reat ta' raggion fattasi jehtieg li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz jew ifixklu fil-pussess tal-haga. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Josric Mifsud V Joseph Zerafa'**[21]

'*Dwar l-akkuza, ta' **raggion fattasi**, din il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija minnha fl-ismijiet **Il- Pulizija v Joseph Debrincat** nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 2004, fejn sostniet li dan r-reat jigi kommess minn min fl-ezercizzju ta' dritt li ghandu [w indipendenti jekk verament ghandux o meno dak d-dritt] ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjeg ta' dak ix-xi hadd ikun qed igawdi. Il-ligi qed tipprotegi mhux d-ditt ta' sid l-proprjeta, mobbli jhew immobbli, izda d-dritt ta' min ikun qieghed effettivament igawdi dik l-proprjeta, jigifieri ta' min jkollu l- pussess materjali taghha [vide **Il-Pulizija v Paul Schembri deciza nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali**].*

*Illi kif dejjem gie ritenut, element importanti kostituttiv ta' dan r-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta'dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li*

[19] Fol. 266 (Din ir-referenza tinsab fin-nota' ta' qiegh il-pagna enumerata 150 tas-sentenza appellata)
[20] Fol. 344 (Din ir-referenza tinsab fin-nota' ta' qiegh il-pagna enumerata 151 tas-sentenza appellata)
[21] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Awissu, 2008 (Numru: 12/2005)

*ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni voluntarji fuq proprjeta ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagni fuq il-movent li jkun wassal lil persuna li kkommettiet dan r-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu d-dgawdija taghha.*

*Ir-reat ma jissustix meta l-att materjali jikkonsisti fir- retenzjoni tal-pussess ta' dak li jkun gia jkollu. Hemm bzonn li jkun hemm att posittiv li jippriva lil terzi, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghaliex kif jghid il-**Carrara [Prog. Parte Speciale - Vol 5 - para 2850]**:-*

*"L' atto esterno deve porivare altro contro sua voglia di un bene che gode chi e' nell'attuale godimento di un bene e' continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque perche' la lege protegge lo stato quo, il-quale non puo variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita gudizziale." [vide **Il-Pulizija v Eileen Said deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Gunju 2002**].'* (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

F'dan il-kaz partikolari, l-appellanta gia kellha l-pussess tal-oggetti tad-deheb ta' ommha li ghazlet li ma tirritornax dan id-deheb lura lill-ommha meta giet mitluba biex taghmel dan. L-appellanta fl-appell taghha tissottometti li wiehed ma jridx jinsa l-isfond ta' dawn il-proceduri fejn l-appellanta flimkien mar-ragel taghha ghal diversi snin kienu jghixu ma' omm u missier l-appellanta fejn l-appellanta kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' ommha u missierha. Li kien ghalhekk li saret prokura fuq l-appellanta halli tkun tista' tiehu hsieb u tamminista kollox fejn tixtri l-bzonijiet kollha ta' ommha u missierha. Tissottometti li meta inqalghet din il-kwistjoni, l-appellanta sfat imkeccija u sabet is-serratura tal-bieb mibdua fejn lanqas ircenexxilha tiehu l-oggetti personali taghha kollha u baqghet sal-lum il-gurnata ma hadithomx. Dan peress li hutha u ommha ma jriduhiex bl-ebda mod taccessa id-dar lanqas biss biex sempliciment tiehu l-oggetti personali u li nel frattempt kienet giet mitluba d-deheb lura u hi zammet tali deheb u spjegat li kienet se ttih lura biss meta tinghata l-oggetti personali taghha mid-dar fejn kienet tghix ghal diversi snin. Terga ssir referenza ghal fatt li kienet gabet id-deheb fid-dar meta mitluba minn ommha ghax ommha riedet ticcekja tali deheb u l-appellanta stess ghamlet lista tad-deheb in kwistjoni u li kieku fil-verita' riedet tiehu d-deheb zgur li ma kinitx toqghod tikteb lista tad-deheb li hemm izda kienet taqbad u tiehu d-deheb li fl-ahhar mill-ahhar kien fuq isimha u mhux fuq isem ommha u li ghalhekk teknikament setghet taghmel li trid. Li l-appellanta kienet

urtata b'din is-sitwazzjoni u f'dak il-mument hasset li l-unika mod kif setghet tiehu l-oggetti personali lura kien billi zzomm id-deheb haga li forsi mhux legalment korretta. Li tant hu u tant kemm l-appellanta dejjem irriteniet u sahqet li d-deheb ma kienx taghha li fil-mori tal-proceduri kriminali u qabel ma nghata is-sentenza rritornat lura d-deheb lil parte civile haga li sfortunamtent ma ngabitx a konjizzjoni tal-Ewwel Qorti.

Dwar dan, din il-Qorti tqis li l-appellanta kellha z-zmien kollu li tirritorna lura dan id-deheb u baqghet tirrifjuta li taghmel dan. Irrizulta ukoll li ghalkemm tghid li kien baqala xi affarijiet u ssemmi li kien hemm xi deheb u hwejjeg taghha x'tiehu lura, il-fatt li ommha taghtha d-deheb biex izzomulha u meta giet mitluba biex tirritornah, irrifjutat milli taghmel dan u ghalhekk ghamlet taghha d-deheb ta'ommha. Jirrizulta li ghalkemm l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata qieset li dan id-deheb baqa ma giex ritornat, jirrizulta li quddiem din il-Qorti fit-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) gie vverbalizzat li:

'*Dehret Dr. Alessia Borg ghall-parte civile, li nformat lil Qorti li d-deheb mertu ta' din il-kawza gie mghoddi mill-appellanti mill-parte lesa qabel ma nghatat is-sentenza minn l-ewwel Qorti fil-jum li saret it-trattazzjoni.*'

Jirrizulta li ghalkemm fit-trattazzjoni tad-difiza quddiem l-Ewwel Qorti l-Avukat difensur kien iddikjara li kellu d-deheb u li hemm il-possibilta' li jigi kkonsenjat, l-Ewwel Qorti baqghet ma gietx infurmata formalment li dak id-deheb kien filfatt gie konsenjat qabel ma nghatat is-sentenza. Dan izda ma jnaqqas xejn mir-reat u se mai jista' jittiehed kont ta' dan il-punt meta tigi kkunsidrata l-piena.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-Ewwel Qorti kienet fl-ahjar pozizzjoni li tizen il-kredibilita' tax-xhieda tal-appellanta kif ukoll tax-xhieda tal-prosekuzzjoni li ghalkemm fil-bidu tal-proceduri ma kienux qeghdin jinstemghu quddiem il-Qorti preseduta mill-Magistrat li ddeciediet il-kawza, jirrizulta li kemm il-kontro-ezamijiet tax-xhieda u anke x-xhieda tal-appellanta u x-xhieda in difiza instemghu mill-Ewwel Qorti preseduta mill-Magistrat li ddeciediet is-sentenza appellata u li ghalhekk setghet tevalwa l-kredibilita ta' dan ix-xhieda kollha inkluz tal-appellanta. Din il-Qorti abbazi ta' dak ikkunsidrat f'din is-sentenza qieghda tichad l-aggravju tal-appellanta u tikkonferma l-htija misjuba kontra l-appellanta.

Ikkunsidrat;

L-appellanta minghajr pregudizzju ghall aggravju dwar il-htija, appellat ukoll mill-piena u cioe' issottomettiet li piena ta' erba' (4) snin prigunerija hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz. Saret referenza ghal gurisprudenza dwar sentencing policy u tissottometti li l-fedina penali tal-appellanta hija wahda netta u li kellha titqies bhala *first time offender*. Li qatt ma messet difirha mal-gustizzja u ghalhekk hija bniedma b'fedina penali kompletament netta. Tissottometti li l-Qorti naqset milli tiehu in kunsiderazzjoni l-fatt li l-appellanta hija bniedma ta' eta' konsiderevoli fejn ghandha kwazi l-eta' ta' sittin sena u li dan kellu wkoll jimmila favur l-appellanta meta l-Qorti giet biex tapplika l-piena fil-konfront taghha. Regghet saret referenza ghal fatt li d-deheb gie ritornatat lura qabel ma nghatat is-sentenza u li l-Qorti ma gietx infurmata b'dan l-iskambju u ghalhekk fil-kalibrar tal-piena ma setghetx tiehu konjizzjoni tal-fatt illi l-appellanta rritornat id-deheb lill-parte civile. Ghalhekk gie sottomess li l-piena ta' erba' (4) snin prigunerija kemm fil-kwalita' taghha u anke fil-kwantita ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum. Tissottometti li l-piena hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Dwar il-piena, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Mohamed BERKOUK'**[22] fejn gie kkunsidrat li:

'*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet* ***manifestament eċċessiva*** *meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell* ***Kandemir*** *u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb****, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Gudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju meta ġiet emanata dik il-piena.*

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2019 (Appell numru: 234 tal-2019)

*9 Il-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett :*

*(a) Retributtiv;*

*(b)Preventiv; u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-**aspett retributtiv** tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-ħati jagħmel tajjeb għall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.*

*L-**aspett preventiv** tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is-soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk is-soċjeta titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall- membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall- interessi tal-kollettivita'. Is-soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tagħha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-**aspett riedukattiv** u **rijabilitattiv** tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva*

*tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas- soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Biex dan l-għan jintlaħaq, il-ħati għandu jsib dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu u jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.'*

L-Ewwel Qorti fil-kallibrar tal-piena ghamlet numru ta' sottomissjonijiet u qieset li ma rat l-ebda attenwant li jimmilta favur li ma jigix applikat il-provvediment tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali. Hasset li ma kienx hemm dubju li kellha tigi imposta piena karcerarja biex isservi ta' deterrent lil min jahseb li jista' bl-ghemil minn tieghu jisfrutta lil persuni l-aktar vulnerabbli. Il-Qorti qieset in-natura tar-reat li dwaru instabet hatja, l-fedina penali netta taghha, l-kondotta sfrenata tal-imputata mifruxa fuq xhur, tal-fatt li minkejja t-trapass ta' zmien ma sar l-ebda kumpens jew restituzzjoni lil kwerelanti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz partikolarment fid-dawl tal-gurisprudenza li ccitat l-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti trid tqis kemm il-fatt li d-deheb gie rritornat qabel ma nghatat is-sentenza appellata u li in oltre d-difiza quddiem din il-Qorti talbet li jsir social inquiry report. L-Ufficjal tal-Probation Larissa Mirella Bonello fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) spjegat li '*Matul il-kompilazzjoni ta' dan ir-rapport, Alosia kellha attitudni pożittiva u kkoperat bis-sħiħ mall-istruzzjonijiet li ġiet mogħtija. Alosia tinsab diżokkupata fil-preżent...*' Spjegat li '*Jider li l-imputata trabbiet f'ħafna mħabba u saħanstra kienet favorita mill-ġenituri tagħha fost ħutha l-oħra. Qabel li ma seħħ dan il-każ ir-relazzjoni tal-imputata ma' ħutha kienet tajba ħafna. Mill-informazzjoni li nġabret minn dan ir-rapport jirriżulta li Alosia dejjem għexet ħajjitha mall-*

*familja tagħha sabiex tkun tista' ddur bihom, speċjalment meta marad missierha bil-kanċer. Illum il-ġurnata ħutha ma għandhomx kuntatt magħha bl-eċċezzjoni ta' oħtha Sylvana Pace li jider li hija l-aktar persuna qrib tagħha minkejja l-akkużi li nġiebu kontriha. In intervista li saret ma' oħt l-imputata Lilian Fenech hi stqarret li minn dejjem Alosia kienet egojista fil-konfront tal-familja tagħha. Dan għaliex ir-raguni ewlenija li kienet iddur bil-ġenituri tagħha kien biex takkwista dak li tista' minn għandhom. Din saħansitra sostniet li Alosia ħallset it-tieġ tagħha bi-flus ta' ommha. Ġie nnutat li Alosia tħossa mweġġa' ħafna minħabba li ħutha ma jridux jafu biha. Barra minn hekk għadha tħoss ħafna nuqqas ta' missierha u tgħid li kien persuna eżemplari f'ħajjitha. Minn naħa l-oħra ħutha għandhom ħafna rabja lejn Alosia għaliex jemmnu li din kienet tieħu vantaġġ mill-ġenituri.'* Xehdet fost affarijiet ohra li '*Fir-rigward ta' xogħol ħarsa lejn ir-rekords uffiċjali mill-Jobs Plus juri li l-imputata kienet dejjem ingaġġata f'impjiegi fuq bażi regolari. Minn informazzjoni li nġabret tul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport tinħass il-ħtieġa li Alosia tkompli tgħix ħajja stabbli, strutturata, l'bgħod mill-kriminalita', bara min hekk jeħtieġ li l-imputata tingħata għajnuna psikoloġika sabiex tingħata l-għajnuna għan-nuqqasijiet tagħha fil-konfront tal-familja kif ukoll biex tkun tista' tindirizza t-trawma tal-mewt ta' missierha.'*

Fis-Social Inquiry Report irrizulta li saret intervista ma' Mary Mifsud, omm l-imputata fejn fost affarijiet ohra gie rapportat li '*Omm l-imputata stqarret li minn meta seħħ dan ir-reat, ħajjitha "inbidlet ta' taħt fuq". Dan għaliex hija tgħid li ma saret tavda lil ħadd, lanqas lil uħud mit-tfal tagħha. Qalet li tħossha partikolarment traduta minn Alosia, it-tifla tagħha li skonta kienet "tavdaha b'għajnejha magħluqa".* Tnizzel ukoll li '*l-omm stqarret li saħansitra kienet tagħti mitt ewro mill-penzjoni tagħha lil Alosia bħala ringranzjament ta' li kienet iddur bihom.*' Fost affarijiet ohra tnizzel li '*Is-Sinjura Mifsud tgħid li l-imputata ħadet vantaġġ mill-pożizzzjoni li ġiet mogħtija lilha bħala prokuratur legali. Hija saħansritra temmen li Alosia bdiet tiġbed somom kbar tal-flus mil-kont tal-bank tagħha sabiex tkun tista' tiffinanzja t-tieġ tagħha.*' Saret referenza ghal li '*Alosia ġiet akkużata li serqet sejf mimli bid-dheb.Din stqarret li illum il-ġurnata din ġiet irritornata wara li irrapurtat l-każ mal-Pulizija. Kompliet tgħid li kien umbgħad bejn wieħed u ieħor sitt snin ilu, meta bdew jindunaw li hemm il-flus neqsin mill-kont tagħha. Dan għaliex din xtaqet taplika sabiex tirtira f'dar ta' l-anzjani. Tgħid li kien hemmek li indunaw li filwaqt li l-kont kien oriġinarjament fiħ daqs ħamsin elf lira maltin, dawn naqsu għal ħamest elf f'temp ta' żmien pjuttost qasir. Is-Sinjura Mifsud dehret viżibilment emozzjonata meta irrakkontaat kif fost dawn il-flus kien hemm somma sostanzjali li ingħatat minħabba li ir-raġel tagħha kien jaħdem ix-xatt tad-Dockyard. Barra minn hekk, kien hemm il-*

*qliegħ kollu li kien jidħol mill-kera tal-propreta'. Din tinstab imnikta u iddispjaċuta ħafna għaliex tgħid li issa ma tistax tirtira f'dar tal-anzjani. Fl-aħħar nett stqarret li l-iktar ħaġa li tweġġaħa minn dan kollhu, huwa l-fatt li tħossha li ġiet traduta minn l-persuna li l-aktar kienet tavda mill-familja tagħha.'*

Saret anke intervista ma' Lilian Fenech fejn fost affarijiet ohra '*qalet ku qatt na jueby raw għajn ħażina minn oħthom qabel ma ġara dan l-episdju. Tenniet li huma saġansittra kienu ddeċiedew li jċedu id-dar li trabbew fiha, sabiex tkun tista' tkompli tieħħu ħsieb lil ommhom b' mod iktar faċli. Fl-ahhar sqarret li qatt ma kienet indunat qabel li ommha kienet qed tiġi misruqa, qabel ma ommha iddeċiediet li tasseja lilha bħal prokuratura legali minflok Alosia. Tenniet li kien meta akkwistat statements mill-bank, fejn indunat li ħafna flus kienu qed jiġu miġbuda mill-kont tal-bank tagħha.*'

Skont dan is-Social Inquiry Report, saret intervista mal-appellanta fejn fost affarijiet ohra '*Alosia stqarret li minkejja li missierha kien strett ħafna magħhom, hija kienet tqisu ta' mudell eżemplari u l-iktar persuna li kien qrib tagħha tul ħajjitha. Hija sostniet kif il-ġenituri tagħha offrewlha li tibqa' tgħix magħhom għal sentejn wara li iżżewġet sabiex tkun tista' tibqa' tieħu ħsiebhom. Hija kompliet tgħid kif meta marad missierha f'Diċembru tal-2002, kompliet iddur biħ sakemm miet sena wara. Jidher li hija baqat ukoll m'ommha wara li missierha ġie nieqes. Matul il-perjodu li kienet iddur m'ommha qalet li kienet hi l-carer ewlenija għal tul ta' żmien.*' Gie spjegat li '*llum tinsab vera imnikta għaliex tgħid li Lilian daret kontrija meta il-ġenituri iddeċidew li jħallu d-dar tagħhom għaliha. L-imputat dehret iddispjaċuta ħafna għal fatt li oħta akkużata li wettqet dan ir-reat.*'

Bhala pjan ta' kura fis-*Social Inquiry Report* tnizzel li:

- '*Minn informazzjoni li nġabret tul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, tinħass il-ħtieġa li Alosia Mifsud Grech tkompli tgħix ħajja stabbli u strutturata, il-bogħod minn kriminalita.*
- *Barra minn hekk,ikun ta' benefiċċju jekk l-imputata tingħata l-għajnuna psikoloġika sabiex tkun tista' tieħu responsabbilta' għan-nuqqasijiet tagħha fi-konfront tal-familja, kif ukoll sabiex tkun tista' tindirizza t-trawma tal-mewt ta' missierha, li kien punt ta' riferiment f'hajjitha.*'

Din il-Qorti tqis li l-piena ghandha tkun wahda proporzjonata u li ghandu jittiehed kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Din il-Qorti ghalhekk tenut kont tal-fatt li salv ghall-ammonti li ngibdu mil-kont bankarju ta' omm l-appellanta permezz tal-uzu tal-

prokura mill-appellanta f'Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) li sejrin jigu ordnati sabiex jithallsu lura lil parti leza, kif meqjus f'din is-sentenza ma jirrizultax liema transazzjonijiet maghmulha mill-kont bankarju ta' omm l-appellanta qabel Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) ma kienux awtorizzati mill-omm.

Ghalhekk il-htija qieghda tigi kkonfermata kemm abbazi tad-deheb li gie ritornat lura ftit qabel l-ghoti tas-sentenza mill-Ewwel Qorti u anke abbazi tat-tlett (3) ammonti li gew migjuba f'Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) ammontanti ghas-somma ta' tletin elf, erba' mija u sitta u sittin ewro u hamsa u ghoxrin (€30,466.25). Dawn jirraprezentaw l-izbank ta' l-ammont ta' hamest'elef ewro (€5000) migbud mill-Bank HSBC fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015), l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf, mitejn u disgha u ghoxrin ewro u hamsa u disghin centezmu (€21,229.95) migbud fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) mill-Bank of Valletta u l-ammont ta' erbat'elef, mitejn u sitta u tletin ewro u tletin centezmu (€4236.30) migbud mill-kont mal-Bank of Valletta fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015), liema ammonti sejrin jigu ordnati sabiex jithallsu lura mill-appellanta lil parti leza u cioe' lil ommha. In oltre', tenut kont tal-fatt li fedina penali tal-appellanta hija wahda netta, tqis li f'dan il-kaz partikolari ma ghandux ikun hemm awment tal-piena bi grad jew tnejn skont l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 u sejra ghalhekk tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ordnat li jigi ritronat id-deheb stante li dan lehaq gie ritornat u sejra tirrevoka fejn ikkundannat lill-appellanta ghal erba' snin prigunerija u minflokk sejra tikundannaha ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejjer jigi sospiz ghal erba' (4) snin mil-lum.

Din il-Qorti taghlaq billi temfasizza li hija tassew hasra li familja maghquda tispicca titkisser fix-xejn minhabba l-flus u huwa tassew deplorabbli li genitur jispicca f'eta tant avvanzata imnezza mill-gid li kellu. Dan huwa kaz tassew ta' nieket fejn l-omm anke skont ma jirrizulta mis-Social Inquiry Report qalet lil Ufficjal tal-Probation li ma saret tavda lil hadd lanqas lil uhud mit-tfal taghha u li thossha partikolarment traduta mill-appellanta. Din il-Qorti temfasizza li l-ulied ghandhom jiehdu hsieb lil genituri taghhom bl-istess ghozza u imhabba li huma gew imrobbiha biha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell u filwaqt li tikkonferma l-htija misjuba mill-Ewwel Qorti kif spjegat f'din is-sentenza, tirrevoka fejn il-Qorti ikkundannat lill-appellanta ghal erba' (4) snin prigunerija u fejn

ordnat li jigi ritornat id-deheb elenkat a fol 53 stante li dan gia gie ritornat u sejra minflokk tikkundanna lill-appellanta ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin mil-lum.

Din il-Qorti qieghda tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-appellant thallas lura lil parte leza s-somma ta' tletin elf, erba' mija u sitta u sittin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€30,466.25).

Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod daqs li kieku inghat f'kawza civili bejn l-appellanta u l-parte leza.

B'zieda ma dan, din il-Qorti tikkonferma fejn l-Ewwel Qorti fid-dawl tax-xhieda moghtija minn Joseph Mifsud, ordnat lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga jekk f'dana il-kaz jezistux l-estremi legali li jsawwru, *inter alia*, ir-reati kkontemplati fl-artikolu 104(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fil-konfront tal-istess Joseph Mifsud.

Il-Qorti ghalhekk tikkonferma l-ordni li kopja tax-xhieda tieghu kif ukoll dik ta' Joanne Bartolo moghtija f'dawn il-proceduri flimkien ma din is-sentenza u s-sentenza tal-Ewwel Qorti jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex immedjatament jaghmel l-investigazzjonijiet hekk kif ordnat.

Din il-Qorti spjegat lil appellanta l-portata ta' din is-sentenza u l-konsegwenza jekk hija tikkometi reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

(Ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur